L-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021

P9_TA(2021)0410

Il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti (2021/2038(INI))

(2022/C 132/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar aġenda ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti (JOIN(2020)0022),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi tal-24 ta' Awwissu 2020 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti,

— wara li kkunsidra x-xhieda tas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Antony Blinken quddiem il-Kumitat għar-Relazzjonijiet Barranin tas-Senat tal-Istati Uniti fid-19 ta' Jannar 2021,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Frar 2021 dwar is-sigurtà u d-difiża,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta għall-istampa tal-President von der Leyen u s-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, Blinken, tal-24 ta' Marzu 2021,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti tal-Amerka u l-Viċi President tal-Kummissjoni/r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-24 ta' Marzu 2021,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti tas-26 ta' April 2021 bit-titolu "L-Impenn tal-Istati Uniti favur il-Balkani tal-Punent",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2016 dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, bit-titolu "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar b'Saħħitha",

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, iffirmata f'Varsavja fit-8 ta' Lulju 2016 mill-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, u mis-Segretarju Ġenerali tan-NATO,

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO matul il-laqgħa konġunta tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, is-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u d-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, li saret fil-15 ta' Marzu 2021,

— wara li kkunsidra l-parteċipazzjoni tal-VP/RGħ fil-laqgħa tal-Ministri tad-Difiża tan-NATO tas-17 u t-18 ta' Frar 2021, u fil-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tan-NATO tat-23 u l-24 ta' Marzu 2021,

— wara li kkunsidra l-Komunikat maħruġ mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana fi Brussell tal-14 ta' Ġunju 2021,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit UE-Stati Uniti bit-titolu "Lejn Sħubija Trans-Atlantika Mġedda", maħruġa fil-15 ta' Ġunju 2021,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar ir-relazzjonijiet UE-NATO ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar l-istat tar-relazzjonijiet trans-Atlantiċi wara l-elezzjonijiet fl-Istati Uniti ([2]), ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' Sħubija Trans-Atlantika usa' ([3]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-qagħda tar-relazzjonijiet UE-Stati Uniti ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni – rapport annwali 2020 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni – rapport annwali 2020 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar is-sentenza tal-QĠUE tas-16 ta' Lulju 2020 – Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Limited u Maximillian Schrems ("Schrems II") – Kawża C-311/18 ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0250/2021),

A. billi għal 75 sena s-sħubija trans-Atlantika appoġġjat il-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, il-kummerċ u l-kooperazzjoni ekonomika u s-sigurtà; billi l-Istati Uniti għadhom l-eqreb sieħeb strateġiku tal-UE u s-sieħeb strateġiku l-aktar importanti; billi din is-sħubija hija bbażata fuq rabtiet politiċi, kulturali, ekonomiċi u storiċi b'saħħithom u valuri kondiviżi bħal-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u għandha potenzjal kbir ħafna ta' djalogu, kooperazzjoni u twettiq rigward kwistjonijiet, objettivi u prijoritajiet ta' interess jew tħassib komuni fl-ispettru politiku kollu;

B. billi l-UE u l-Istati Uniti jikkondividu valuri komuni u interess komuni fundamentali fit-tiswir ta' ambjent internazzjonali bbażat fuq ir-regoli li jsaħħaħ il-multilateraliżmu u l-valuri demokratiċi, jiddefendi d-drittijiet tal-bniedem, jirrispetta d-dritt internazzjonali u jippromwovi ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, u jippromwovi wkoll ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja;

C. billi l-elezzjoni ta' Joe Biden bħala President tal-Istati Uniti u ta' Kamala Harris bħala Viċi President ħolqot opportunitajiet ġodda biex din is-sħubija trans-Atlantika essenzjali titkompla u tissaħħaħ aktar, biex jerġgħu jinbdew il-ħidma u l-innovazzjoni fil-livelli kollha ta' din il-kooperazzjoni li ilha stabbilita u biex ikun hemm kooperazzjoni aħjar dwar kwistjonijiet multilaterali, bħat-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, id-demokrazija u s-sigurtà internazzjonali; billi kemm l-UE kif ukoll l-Istati Uniti għandhom jieħdu din l-opportunità mġedda għal djalogu u kooperazzjoni mill-qrib biex jissodisfaw l-obbligi permanenti tagħhom fil-konfront tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li t-tnejn li huma jappartjenu għalihom u biex jiżguraw aktar koordinazzjoni u kondiviżjoni tal-piżijiet f'firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ġeopolitiċi li qed jevolvu; billi l-kooperazzjoni mal-Istati Uniti hija objettiv permanenti tal-UE, irrispettivament mill-amministrazzjoni fil-kariga;

D. billi l-amministrazzjoni ta' Biden iddikjarat l-intenzjoni tagħha li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-UE u ma' alleati demokratiċi oħra; billi l-ewwel żjara barra l-pajjiż tal-President Biden kienet fl-Ewropa, li matulha ħa sehem fis-Summit tan-NATO u fis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Ġunju 2021; billi dan jikkonferma l-impenn profond tal-Istati Uniti li jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom mal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u fir-rigward tal-futur tas-sigurtà u d-difiża komuni fl-Alleanza tal-Atlantiku tat-Tramuntana u mal-Unjoni Ewropea; billi l-President Biden ippropona li jiġi organizzat Summit għad-Demokrazija, li jfittex impenji konġunti mal-UE u ma' demokraziji oħra fit-tisħiħ tad-demokraziji tagħna u fit-trawwim ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-istati demokratiċi, filwaqt li jiġu miġġielda l-awtoritarjaniżmu u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;

([1]) ĠU C 28, 27.1.2020, p. 49.
([2]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 198.
([3]) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 120.
([4]) ĠU C 433, 23.12.2019, p. 89.
([5]) Testi adottati, P9_TA(2021)0012.
([6]) Testi adottati, P9_TA(2021)0013.
([7]) Testi adottati, P9_TA(2021)0256.

L-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021

E. billi huwa meħtieġ djalogu kostanti, kostruttiv u bilanċjat ibbażat fuq objettivi kondiviżi biex tinbena aġenda trans-Atlantika b'saħħitha u ambizzjuża u biex jiġi indirizzat kwalunkwe qasam fejn ikun hemm differenzi trans-Atlantiċi, permezz ta' kooperazzjoni aktar profonda, inkluż f'oqsma bħar-relazzjonijiet maċ-Ċina u r-Russja, l-impenji favur id-difiża u l-kapaċitajiet ta' difiża, il-kunflitti fil-Lvant Nofsani u kwistjonijiet oħra ta' sigurtà u stabbiltà, u biex jiġu identifikati approċċi komuni fejn possibbli; billi huwa ċar li l-alleanza trans-Atlantika ma tistax titqies bħala fatta u trid tingħata spinta ġdida u tissaħħaħ b'mod kostanti;

F. billi, fit-tfittxija u l-approfondiment tal-kooperazzjoni trans-Atlantika, l-UE għandha tistinka għal sħubija fit-tmexxija mal-Istati Uniti, b'enfasi fuq it-tfittxija ta' interessi kondiviżi; billi l-UE għandha trawwem ukoll l-awtonomija strateġika tagħha fir-relazzjonijiet ekonomiċi u dwar id-difiża bħala mezz biex tfittex l-interessi diplomatiċi, tas-sigurtà u ekonomiċi tagħha stess filwaqt li ssaħħaħ ir-rabta trans-Atlantika u biex żżid l-influwenza konġunta tal-UE u tal-Istati Uniti fix-xena dinjija, iżda anki bil-ħsieb li żżid il-kapaċità tagħha li tieħu responsabbiltà akbar biex tindirizza l-isfidi globali u reġjonali ewlenin u tiddeċiedi u taġixxi b'mod awtonomu, jekk meħtieġ, fi kwistjonijiet ta' affarijiet barranin u ta' sigurtà u difiża;

G. billi l-UE u l-Istati Uniti għandhom l-akbar relazzjoni bilaterali ta' kummerċ u investiment u jgawdu l-aktar relazzjoni ekonomika integrata fid-dinja;

H. billi kemm l-UE kif ukoll l-Istati Uniti jikkondividu għadd ta' sfidi komuni ġodda bħall-influwenza malinna ta' reġimi awtoritarji, li jdgħajfu l-istituzzjonijiet multilaterali, l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija, il-promozzjoni tas-saħħa globali, it-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li jsir progress fuq miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima, il-ġlieda kontra mewġa globali ta' awtoritarjaniżmu, il-ġlieda kontra networks kriminali u terroriżmu globali, li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jsiru realtà, l-indirizzar tad-diviżjoni li qed tiżdied bejn żoni metropolitani u rurali u t-twettiq tat-trasformazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi bħala mezz ta' modernizzazzjoni sostenibbli, l-avvanz tat-teknoloġija, bħall-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà, l-evitar tat-taxxa, u sfidi usa' li jinħolqu mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija;

I. billi impetu mġedded fir-relazzjoni trans-Atlantika joħloq kuntest politiku favorevoli biex l-isfidi komuni jiġu indirizzati b'mod kostruttiv u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet fejn il-pożizzjonijiet tagħna jvarjaw;

J. billi f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ippreżentaw strateġija ġdida taċ-ċibersigurtà tal-UE, li għandha l-għan li "l-UE tibqa' minn ta' quddiem fl-issettjar tan-normi u tal-istandards internazzjonali fiċ-ċiberspazju, u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab madwar id-dinja biex tippromwovi ċiberspazju globali, miftuħ, stabbli u sigur, li jkun imsejjes fuq l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-valuri demokratiċi" ([8]);

K. billi hemm appoġġ b'saħħtu miż-żewġ partiti fl-Istati Uniti biex issir ħidma mal-alleati demokratiċi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-komunità trans-Atlantika għal theddid ibridu minn reġimi awtoritarji;

L. billi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-valuri demokratiċi qed jiġu mhedda mill-qawmien tal-awtoritarjaniżmu assertiv u t-tnaqqis tad-demokrazija f'pajjiżi terzi, kif ukoll minn ġewwa l-UE u l-Istati Uniti permezz taż-żieda ta' movimenti antidemokratiċi populisti u tal-lemin estrem;

M. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jista' jwassal għal frammentazzjoni ulterjuri tax-xenarju strateġiku, mhux biss f'termini tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti iżda anke fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, fil-G7, fil-G20 u f'formati multilaterali oħra;

N. billi l-Amerka Latina hija reġjun li jikkondividi ħafna valuri, interessi, rabtiet storiċi u rabtiet ekonomiċi u umani fundamentali mal-UE u mal-Istati Uniti;

1. Jilqa' l-adozzjoni tal-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għal aġenda għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti f'Diċembru 2020 bħala pjan ta' azzjoni għal sħubija trans-Atlantika mġedda u msaħħa;

([8]) https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_2391

2. Jikkonferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-kooperazzjoni, is-sħubija u l-ħbiberija trans-Atlantika b'saħħithom bejn l-UE u l-Istati Uniti, li matul l-aħħar 70 sena kkontribwew għall-iżvilupp, il-prosperità u l-integrazzjoni b'suċċess tal-Ewropa u li huma l-bażi għall-istabbiltà u s-sigurtà tagħha sa minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija; jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE mal-Istati Uniti hija mibnija fuq valuri komuni; ifakkar li s-sistemi politiċi kemm tal-Istati Uniti kif ukoll tal-UE huma msejsa fuq prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u r-rispett għal-libertajiet fundamentali; huwa konvint li, permezz tal-kooperazzjoni trans-Atlantika, nistgħu nikkontribwixxu bl-aħjar mod għal soluzzjoni paċifika, sostenibbli u kostruttiva għall-isfidi globali u reġjonali eżistenti, inkluż billi ssir enfasi fuq rikostruzzjoni tal-ekonomija li tkun sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, inkluża n-newtralità tal-karbonju sal-2050, u billi tingħeleb l-inġustizzja reġjonali, soċjali, tar-razza u tal-ġeneru; jinsisti li s-sħubija trans-Atlantika mġedda għandha tkun ibbażata fuq l-ugwaljanza tas-sħab; jisħaq, fl-istess ħin, li l-awtonomija strateġika tal-UE ma tistax tinkiseb mingħajr titjib kwalitattiv fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u l-prinċipji tal-politika estera u ta' difiża tal-UE u l-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod awtonomu, meta jkun meħtieġ, hi u tfittex l-interessi leġittimi tagħha, inkluża sħubija u kooperazzjoni ambizzjuż mal-eqreb alleati tal-Unjoni, bħall-Istati Uniti;

3. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) biex jaffermaw mill-ġdid ir-rilevanza kontinwa tar-relazzjoni trans-Atlantika strateġika għall-bini mill-ġdid u t-tisħiħ mill-ġdid tal-ordni internazzjonali multilaterali bbażat fuq ir-regoli, bis-sistema tan-NU u d-dritt internazzjonali fiċ-ċentru tagħha, it-tisħiħ globali tad-demokrazija u tal-valuri demokratiċi u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, għall-indirizzar tal-influwenza malinna u d-diżinformazzjoni tar-reġimi awtoritarji, u għat-tiswir tar-regoli tal-futur diġitali u teknoloġiku skont valuri kondiviżi, żvilupp ekonomiku sostenibbli u tkabbir ekonomiku u impjiegi inklużivi fid-dinja kollha, pożizzjoni koordinata vis-à-vis ir-Russja u ċ-Ċina u offerta komuni ta' investiment f'inizjattivi infrastrutturali globali f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar il-konnettività; jissottolinja r-rilevanza tal-istrateġija tal-UE dwar il-konnettività u jappella għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam ewlieni tal-konnettività; jappoġġja l-isforzi trans-Atlantiċi biex tiġi evitata d-dipendenza enerġetika permezz tal-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-enerġija u, b'mod aktar ġenerali, il-konnettività permezz tal-mekkaniżmi kollha possibbli, kif rifless ukoll fil-komunikat tal-G7 bit-titolu "L-aġenda kondiviża tagħna għal azzjoni globali biex nerġgħu nibnu lura aħjar";

4. Jinnota u jappoġġja wkoll id-determinazzjoni trans-Atlantika l-ġdida dwar l-appoġġ għad-demokrazija madwar id-dinja, b'mod partikolari permezz tad-difiża tal-libertà tal-midja, l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u l-protezzjoni u d-difiża tal-ġurnalisti; jilqa' l-impenn ċar tal-Istati Uniti biex isaħħu u jespandu aktar l-ambitu tar-relazzjonijiet trans-Atlantiċi bid-deċiżjoni tal-President tal-Istati Uniti li jivvjaġġa lejn l-Ewropa matul l-ewwel vjaġġ tiegħu barra l-pajjiż u li jipparteċipa fis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti f'Ġunju 2021; jappoġġja l-konklużjonijiet operattivi tas-Summit kif deskritti fid-Dikjarazzjoni tas-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti "Lejn Sħubija Trans-Atlantika Mġedda", maħruġa fil-15 ta' Ġunju 2021 u li jindikaw impenn qawwi miż-żewġ partijiet biex jiksbu sinerġiji u japprofondixxu d-djalogu u l-kooperazzjoni trans-Atlantiċi; jinnota b'mod partikolari d-determinazzjoni trans-Atlantika biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet umanitarji u li jiġi appoġġjat id-dritt umanitarju internazzjonali kif ukoll li tiġi estiża l-bażi tar-riżorsi għall-azzjoni umanitarja; jinnota wkoll u jappoġġja l-intenzjoni li tissaħħaħ il-kooperazzjoni trans-Atlantika dwar l-użu ta' sanzjonijiet biex jintlaħqu objettivi kondiviżi ta' politika estera u ta' sigurtà;

5. Jappella għal aġenda trans-Atlantika ġdida li tfittex interessi komuni u tisfrutta s-saħħa kollettiva, u tippromwovi l-kooperazzjoni multilaterali għal dinja aktar ekwa u aktar b'saħħitha, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u r-riżoluzzjoni paċifika u sostenibbli tal-kunflitti, inklużi l-kunflitti reġjonali, abbażi tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali, il-kontroll tal-armi, in-nonproliferazzjoni tal-armi nukleari u d-diżarm; jisħaq li din l-aġenda għandha tqiegħed l-għanijiet strateġiċi kondiviżi tagħna fiċ-ċentru tagħha, bħat-tisħiħ tal-katina tal-provvista tagħna għall-mediċini u r-riforma tad-WHO, l-iżgurar ta' aċċess adegwat għall-vaċċini għal pajjiżi vulnerabbli, it-tnaqqis tad-dipendenza tagħna fuq riżervi tal-enerġija esterni, iż-żieda tal-investiment f'teknoloġiji avvanzati, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, il-promozzjoni tat-trasformazzjoni ekoloġika, u l-kooperazzjoni flimkien ma' pajjiżi terzi rilevanti, bl-enfasi tkun fuq is-sigurtà u l-istabbiltà tal-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE, il-Balkani tal-Punent u l-kontinent Afrikan;

6. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi approfondita l-kooperazzjoni leġiżlattiva u li jiġu stabbiliti strutturi aktar b'saħħithom għall-kooperazzjoni leġiżlattiva u djalogu trans-Atlantiku inklużiv ibbażat fuq il-fergħat leġiżlattivi kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Uniti, bħal assemblea trans-Atlantika tal-leġiżlaturi; jinnota li ż-żieda fl-għarfien ta' strutturi bħad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi u l-organizzazzjoni ta' laqgħat u żjarat aktar regolari tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament mal-kontropartijiet tagħhom tal-Istati Uniti, pereżempju fl-okkażjoni ta' żjarat annwali regolari tal-kumitati rispettivi, jerġgħu jġibu l-fiduċja fil-kooperazzjoni trans-Atlantika u d-durabbiltà u l-effiċjenza tagħha; iħeġġeġ lill-Kungress tal-Istati Uniti jsaħħaħ id-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi billi jawtorizzah bħala korp formali bi sħubija permanenti ddedikat għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea u bħala l-kontroparti naturali tad-delegazzjoni interparlamentari tal-Parlament Ewropew għar-relazzjonijiet mal-Kungress tal-Istati Uniti; jilqa' l-varar

mill-ġdid tal-Caucus tal-Unjoni Ewropea fil-Kungress tal-Istati Uniti u jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni u assoċjazzjoni mill-qrib mal-attivitajiet tad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi; jafferma mill-ġdid l-importanza tal-kumitat ta' tmexxija tad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi fl-iżgurar tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha relatati mal-kooperazzjoni trans-Atlantika dwar l-isforzi leġiżlattivi fil-Parlament Ewropew, bil-għan li tissaħħaħ is-sorveljanza parlamentari;

7. Jilqa' d-djalogu trans-Atlantiku rikk fil-livell tas-soċjetà ċivili u jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jkomplu jivvalorizzaw tali djalogu u jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati soċjali u ekonomiċi kollha fid-dibattitu dwar il-futur tar-relazzjonijiet trans-Atlantiċi; huwa tal-fehma li djalogu trans-Atlantiku regolari tas-soċjetà ċivili jista' jiġi stabbilit għal dan il-għan; jisħaq li l-kuntatti bejn iċ-ċittadini tal-UE u l-Istati Uniti jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' valuri komuni, fiduċja u fehim reċiproku bejn is-sħab trans-Atlantiċi; jitlob, għalhekk, aktar appoġġ għall-promozzjoni u l-faċilitazzjoni ta' programmi ta' mobbiltà u skambju, bħal Erasmus+, u skambji ta' internships bejn il-Kungress u l-Parlament Ewropew; jissottolinja l-importanza li jissaħħu l-kuntatti bejn il-persuni fix-xjenza, ir-riċerka u l-edukazzjoni;

8. Jappella għal kooperazzjoni interparlamentari msaħħa bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew, il-Membri tal-Kungress, il-membri tal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-membri tad-diversi leġiżlaturi tal-Istat tal-50 Stat Federali tal-Istati Uniti, f'oqsma tematiċi differenti li jistgħu jippermettu l-iskambju tal-aħjar prattiki, inklużi djalogi sottonazzjonali bħall-"Under2 Coalition", u koordinazzjoni msaħħa dwar sfidi globali iżda anki dwar sfidi nazzjonali kondiviżi, bħall-indirizzar tal-inugwaljanza ekonomika u soċjali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards demokratiċi fid-dawl ta' theddidiet antidemokratiċi li qed jiżdiedu, kemm interni kif ukoll esterni, id-difiża tad-dritt internazzjonali u s-salvagwardja ta' ftehimiet legalment vinkolanti, il-promozzjoni ta' interessi strateġiċi komuni, il-kopertura tas-saħħa universali, il-konverġenza leġiżlattiva dwar l-IA ċċentrata fuq il-bniedem fil-forom kollha tagħha, l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn kumpaniji tal-Istati Uniti u tal-UE, it-teknoloġiji tal-innovazzjoni u teknoloġiji oħra mill-aktar avvanzati bħall-5G u s-6G u l-bijoteknoloġiji, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, it-tassazzjoni tal-kumpaniji tat-teknoloġija, ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi online, inkluż permezz tal-għoti tas-sorveljanza meħtieġa biex ikun żgurat li l-politiki tal-pjattaformi online jkunu konformi mal-valuri demokratiċi ewlenin, inkluż bħala theddida għas-sigurtà, u l-objettiv ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, il-protezzjoni ta' ambjent medjatiku liberu u indipendenti u l-protezzjoni tal-elezzjonijiet demokratiċi tagħna minn indħil barrani; itenni l-importanza tal-kooperazzjoni spazjali bejn l-UE u l-Istati Uniti u tad-Djalogu Spazjali bejn l-UE u l-Istati Uniti; jilqa' l-impenn imħabbar biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni trans-Atlantika dwar l-ispazju billi jittejjeb il-Ftehim Galileo-GPS; jemmen li l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-ispazju tista' tgħin il-promozzjoni tal-istandards tas-sikurezza u l-aħjar prattiki spazjali fil-komunità internazzjonali;

9. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti jaħdmu flimkien fuq l-isfidi globali tat-taxxa, filwaqt li jibnu fuq il-ħidma tal-OECD, bħal riforma tas-sistema internazzjonali tat-taxxa korporattiva, bil-ħsieb li jeliminaw il-possibbiltà li l-operaturi ekonomiċi jużaw strateġiji ta' erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti (BEPS) biex jevitaw il-ħlas ta' taxxi korporattivi; jappoġġja, f'dan ir-rigward, il-ħidma tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS; jissottolinja li l-isforzi favur riforma jridu jinkludu l-eliminazzjoni tar-rifuġji fiskali; jenfasizza li tali miżuri jistgħu jservu biex inaqqsu l-inugwaljanzi ekonomiċi; jafferma l-impenn tal-UE favur tassazzjoni ġusta fl-ekonomija diġitali, kif mitlub fl-aġenda l-ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti;

10. Jenfasizza l-importanza tar-reċiproċità tal-viża bejn l-UE u l-Istati Uniti u jħeġġeġ liż-żewġ naħat isibu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku permezz ta' ħidma diplomatika attiva li tippermetti sistema mingħajr viża għall-Istati Membri kollha tal-UE; jilqa' l-inklużjoni tal-Polonja fil-Programm għall-Eżenzjoni mill-Viża tal-Istati Uniti u l-konferma li l-Kroazja tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti kollha għall-inklużjoni; jistieden lill-Istati Uniti jħaffu l-proċess ta' adeżjoni tal-Bulgarija, ta' Ċipru u tar-Rumanija fil-Programm għall-Eżenzjoni mill-Viża;

L-istabbiliment mill-ġdid tal-multilateraliżmu

11. Jilqa' l-impenn mill-ġdid tal-Istati Uniti favur il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli u favur l-alleanzi mas-sħab tagħha, u jenfasizza li dan jipprovdi opportunità importanti biex jerġa' jkun hemm kooperazzjoni mal-Istati Uniti fil-bini mill-ġdid, il-konsolidazzjoni u l-espansjoni ulterjuri tar-relazzjoni trans-Atlantika, inkluż f'oqsma bħall-multilateraliżmu u d-drittijiet tal-bniedem, u t-tisħiħ flimkien, bħala sħab ugwali, tal-ordni globali bbażat fuq ir-regoli fl-ispirtu tal-valuri demokratiċi liberali kondiviżi tagħna; jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti u ma' stati oħra tal-istess fehma għall-modernizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet multilaterali sabiex ikunu adattati għall-iskop tagħhom u tittejjeb il-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà globali, id-drittijiet fundamentali, il-valuri universali u d-dritt internazzjonali; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li pajjiżi min-Nofsinhar Globali jiġu inklużi f'dawn l-isforzi; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib fis-sistema tan-NU, l-aġenziji, l-organizzazzjonijiet u l-missjonijiet tagħha, inkluż fir-rigward tal-persunal f'pożizzjonijiet ta' tmexxija;

12. Itenni l-impenn tiegħu favur il-kooperazzjoni internazzjonali fin-NU bħala forum indispensabbli għal soluzzjonijiet multilaterali għall-isfidi globali u għall-komunikazzjoni tal-politika, id-djalogu politiku u l-bini ta' kunsens fil-komunità internazzjonali kollha;

13. Jappella għal aktar finanzjament konġunt bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' proġetti innovattivi bbażati fuq teknoloġiji mill-aktar avvanzati, aktar investimenti konġunti fir-riċerka u l-iżvilupp, żieda fl-iskambji akkademiċi bejn il-persuni fl-iSTEM, u aktar appoġġ konġunt għall-istart-ups u l-SMEs fil-qasam tat-teknoloġija;

14. Jilqa' d-deċiżjoni tal-amministrazzjoni ta' Biden li terġa' tidħol fil-Ftehim ta' Pariġi u l-ħatra ta' Mibgħut Presidenzjali Speċjali għall-Klima, John Kerry; jilqa' t-tħabbira dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Azzjoni Klimatika bejn l-UE u l-Istati Uniti; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti jippreżentaw proposti konkreti biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u l-kummerċ ekoloġiku, u jippromwovu l-operazzjonalizzazzjoni tat-teknoloġija ekoloġika, inklużi l-idroġenu, il-finanzi sostenibbli u l-bijodiversità;

15. Jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni globali dwar l-isfidi transnazzjonali tat-trawwim tal-edukazzjoni, ix-xjenza, iż-żgħażagħ u d-diversità kulturali u d-djalogu; jistieden lill-Istati Uniti jerġgħu jissieħbu fl-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO);

16. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Istati Uniti li jerġgħu jissieħbu fl-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; jappella għal tmexxija trans-Atlantika dwar id-diplomazija fil-qasam tas-saħħa biex tikkoordina l-approċċ biex il-COVID-19 titwaqqaf f'livell globali, kif ukoll kriżijiet tas-saħħa futuri possibbli, u biex issaħħaħ is-sigurtà tas-saħħa globali, b'mod partikolari r-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-isforz trans-Atlantiku konġunt biex jingħata aċċess globali ekwu għall-vaċċini, it-testijiet u t-trattamenti tal-COVID-19, u d-distribuzzjoni tagħhom, b'mod partikolari f'pajjiżi b'introjtu aktar baxx; jinsisti fuq it-trawwim tal-kooperazzjoni biex jiġu stabbiliti proċeduri aħjar għat-tħejjija għal pandemiji futuri, inkluż permezz ta' approċċ kliniku u regolatorju koerenti u konsistenti li jikkomplementa l-ktajjen tal-provvista globali biex jiġu żgurati l-flessibbiltà u r-reżiljenza; jappella għal investigazzjoni indipendenti imparzjali dwar is-sors u t-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll dwar il-ġestjoni tagħha mid-WHO fil-bidu tagħha;

17. Jissottolinja l-ħtieġa ta' diplomazija pubblika mtejba dwar il-vaċċini li fiha l-UE u l-Istati Uniti jista' jkollhom rwol ewlieni, peress li l-vaċċinazzjoni globali hija l-uniku mod biex il-pandemija tintemm; jilqa' l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE u tal-Istati Uniti għall-Faċilità COVAX u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali biex tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-vaċċini fid-dinja kollha, billi jittieħed approċċ koordinat meta tiġi indirizzata l-proposta biex jittaffew ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali għall-vaċċini; iħeġġeġ, f'dan is-sens, lis-sħab trans-Atlantiċi jaħdmu flimkien biex jippermettu l-produzzjoni u l-kunsinna rapidi tal-vaċċini kull fejn ikunu meħtieġa; jinkoraġġixxi skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni ta' vaċċini biex jiġu żgurati tħejjija u reżiljenza aħjar għall-futur;

18. Jappella għal approċċ konċertat bejn l-UE u l-Istati Uniti fin-NU, inkluż dwar ir-riforma tan-NU biex issaħħaħ l-effikaċja tagħha bħala organizzazzjoni multilaterali, iġġib aktar trasparenza lill-istituzzjoni u ssaħħaħ il-kredibbiltà tagħha; jappella għal sforzi koordinati biex jinkisbu impenji ambizzjużi fis-Summits tan-NU dwar it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità fl-2021 (COPs 26); jitlob lill-UE u lill-Istati Uniti jkollhom rwol ewlieni fil-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u f'fora oħra bħall-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-kooperazzjoni fl-enerġija nadifa u fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u fit-teknoloġiji u l-prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju hija kruċjali, kif ukoll il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet urġenti oħra bħan-nonproliferazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti u t-terroriżmu; jesprimi tħassib dwar il-fatt li matul l-aħħar tliet deċennji ċ-Ċina ttriplikat l-emissjonijiet tal-karbonju tagħha u issa qed temetti 27 % tal-gassijiet serra tad-dinja, u b'ħekk l-isforzi tal-UE u tal-Istati Uniti biex jindirizzaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ma jibqgħux biżżejjed mingħajr impenn u implimentazzjoni ċari miċ-Ċina;

19. Jitlob li d-dritt internazzjonali tal-baħar jiġi difiż u, f'dan ir-rigward, itenni t-talba tiegħu lill-Istati Uniti biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar; jistieden lill-Istati Uniti jingħaqdu fl-isforzi tal-UE biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' trattat internazzjonali dwar l-iskart fil-baħar u t-tniġġis tal-plastik fil-baħar fl-Assemblea tan-NU għall-Ambjent li jmiss; iħeġġeġ lill-Istati Uniti u lill-UE jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat madwar id-dinja;

20. Jinnota li l-President Biden ħabbar mira ġdida ta' dekarbonizzazzjoni ta' bejn 50 % u 52 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2005; jinnota wkoll li l-President Biden organizza b'mod virtwali Summit tal-Mexxejja dwar il-Klima biex jiġu stimulati l-isforzi ta' ekonomiji ewlenin dwar l-azzjoni klimatika;

L-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021

21. Jirrikonoxxi t-titjib sinifikanti fil-kwalità tal-arja fl-Istati Uniti matul l-aħħar ftit deċennji, xprunat l-aktar mit-titjib teknoloġiku u l-innovazzjoni fis-settur tal-enerġija;

22. Jemmen li l-UE għandha tafferma mill-ġdid, flimkien mal-Istati Uniti, iċ-ċentralità tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, bħala qafas għal kooperazzjoni multilaterali effettiva, li tinvolvi wkoll liċ-Ċina kull meta jkun possibbli, dment li jkun hemm impenn ġenwin miċ-Ċina favur id-djalogu u l-kooperazzjoni mingħajr kunflitti u b'aġenda li ssaħħaħ l-istrutturi u l-objettivi ewlenin tal-aġenda 2030;

23. Jappella għal koordinazzjoni msaħħa dwar l-użu ta' miżuri restrittivi, inklużi sanzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, u jħeġġeġ lill-Kunsill jadotta komponent ta' korruzzjoni bħala parti mir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jikkoordinaw il-politiki ta' sanzjonijiet tagħhom kull meta jkun possibbli u utli;

24. Jilqa' l-impenn imħabbar tal-amministrazzjoni ta' Biden li terġa' tibda tiddjaloga mal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li jindika l-intenzjoni mġedda tal-Istati Uniti li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem globalment bit-tama li jissaħħu l-isforzi lejn ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem globalment u li tiġi evitata d-definizzjoni mill-ġdid awtoritarja tad-drittijiet tal-bniedem bħala kunċett iċċentrat fuq l-istat; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti, flimkien ma' alleati tal-istess fehma, jaħdmu biex jirriformaw il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u b'mod partikolari jistabbilixxu kriterji ċari għas-sħubija fih;

25. Jitlob li jissaħħaħ l-impenn tal-UE u l-Istati Uniti favur il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem globalment, u favur il-ġlieda kontra ż-żieda tal-awtoritarjaniżmu u r-reġimi illiberali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' sett ta' għodod konġunt komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti biex jiġu indirizzati l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu mill-qrib ma' demokraziji oħra biex jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-valuri demokratiċi f'livell internazzjonali permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE; huwa tal-fehma li l-Parlament u l-Kungress jistgħu jikkooperaw flimkien dwar każijiet ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li qed jiġu ppersegwitati u inkarċerati mingħajr raġuni jew biex irażżnu l-azzjonijiet tagħhom;

26. Jilqa' t-tneħħija tas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti fuq uffiċjali għolja tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) mill-amministrazzjoni ta' Biden; iħeġġeġ lill-Istati Uniti jissieħbu fl-Istatut ta' Ruma li jistabbilixxi l-QKI u jikkooperaw b'mod kostruttiv mal-Qorti fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti legali tagħha li għaddejjin;

27. Itenni l-appell tiegħu lill-Istati Uniti biex jabolixxu l-piena tal-mewt u jirriformaw is-sistema tal-ġustizzja kriminali tagħhom;

28. Iħeġġeġ id-djalogu u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza razzjali u bejn il-ġeneri; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jieħdu passi deċiżivi biex jindirizzaw ir-razziżmu sistemiku, kif rifless fil-vjolenza tal-pulizija li hija sproporzjonata fil-konfront ta' minoranzi etniċi u razzjali, u l-inugwaljanzi stabbiliti li jkebbsu protesti paċifiċi leġittimi;

29. Huwa tal-fehma li l-UE u l-Istati Uniti flimkien jistgħu jagħmlu progress fir-rigward tal-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u jiżguraw li dawn jiġu riflessi u appoġġjati kif xieraq fit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' fora multilaterali; jissuġġerixxi, għalhekk, li tiġi esplorata pjattaforma permanenti għal djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti biex jittieħdu passi konkreti biex jiġu miġġielda r-razziżmu, id-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ, u jappella għal kooperazzjoni multilaterali aktar mill-qrib f'dan ir-rigward ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OSKE, in-NU, l-Unjoni Afrikana, l-OAS u l-KtE; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti biex flimkien jorganizzaw Summit Globali Kontra r-Razziżmu dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni globali;

30. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-adozzjoni, min-naħa tal-Leġiżlatura ta' Texas, tal-Att ta' Texas dwar it-Taħbit tal-Qalb (Texas Heartbeat Act), li de facto jipprojbixxi l-abort, bħala attakk serju fuq id-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa; jiddispjaċih li permezz ta' deċiżjoni maqsuma, il-Qorti Suprema tal-Istati Uniti rrifjutat li tiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' din il-liġi mingħajr preċedent;

31. Jinsisti li jinħtieġu aktar sforzi biex jittejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inkluż dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, fost oħrajn;

32. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Istati Uniti fil-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin madwar id-dinja; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jipproteġu u jippreservaw reċiprokament il-wirt kulturali u storiku tal-Ewropa u tal-Istati Uniti kemm fl-Istati Uniti kif ukoll fl-UE;

33. Iħeġġeġ lill-amministrazzjoni ta' Biden twettaq malajr il-pjanijiet imħabbra tagħha biex tagħlaq il-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantanamo; jiddispjaċih għall-fatt li kważi 20 sena wara l-istabbiliment tal-faċilità, 40 priġunier għadhom detenuti, inklużi ħamsa li kien awtorizzat li jinħelsu taħt l-amministrazzjoni Obama; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha joffru l-assistenza tagħhom biex jiffaċilitaw il-proċess;

34. Iħeġġeġ lill-Istati Uniti jiggarantixxu aċċess ekwu u miftuħ għal servizzi essenzjali bħas-sistema tal-kura tas-saħħa u l-iskemi tal-protezzjoni soċjali għal sehem akbar tal-popolazzjoni; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni ta' Biden li għadha kif inħatret biex tieħu azzjonijiet konkreti biex tirregola l-pussess tal-armi fost iċ-ċittadini tal-Istati Uniti;

35. Jenfasizza li l-komunità trans-Atlantika qed tħabbat wiċċha ma' firxa wiesgħa ta' sfidi komuni bla preċedent, li jvarjaw mill-ġlieda kontra t-terroriżmu sat-theddid ibridu, it-tibdil fil-klima, id-diżinformazzjoni, l-attakki ċibernetiċi, it-teknoloġiji emerġenti u fixkiela (EDTs), u bidla fil-bilanċ globali tal-poter, kif ukoll l-isfida li tirriżulta għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli;

Kooperazzjoni msaħħa dwar il-kummerċ u l-investimenti internazzjonali

36. Jisħaq fuq il-ħtieġa li naħdmu flimkien mal-Istati Uniti, billi nisfruttaw momentum pożittiv, dwar it-tisħiħ tas-sistema kummerċjali multilaterali u r-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; jilqa' l-eżitu tas-summit bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-15 ta' Ġunju 2021 "Lejn Sħubija Trans-Atlantika Mġedda" bħala sinjal ta' impenn imġedded u kostruttiv; jilqa' l-Ftehim dwar Qafas Kooperattiv għal Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar; jieħu nota tar-rikonoxximent fid-dikjarazzjoni tas-summit bejn l-UE u l-Istati Uniti li l-applikazzjoni mill-Istati Uniti tat-tariffi fuq l-importazzjonijiet mill-UE skont it-Taqsima 232 tal-Istati Uniti wasslet għal tensjonijiet fir-relazzjoni trans-Atlantika, u jfaħħar l-impenn espliċitu fl-istess dikjarazzjoni biex id-differenzi eżistenti dwar il-kapaċità żejda tal-azzar u tal-aluminju jiġu solvuti qabel tmiem is-sena; iqis li l-istabbiliment ta' diversi pjattaformi għal diskussjoni permanenti, bħall-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija u d-Djalogu Konġunt bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni fil-qasam tat-Teknoloġija, huwa essenzjali peress li se jkomplu jippermettu l-kummerċ trans-Atlantiku, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf struttura effiċjenti u inklużiva min-naħa tal-UE għall-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija mill-aktar fis possibbli; jilqa' l-istabbiliment ta' Task Force Konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti għall-Manifattura u l-Katina tal-Provvista b'rabta mal-COVID-19;

37. Jenfasizza li l-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija huwa parti mill-aġenda kummerċjali trans-Atlantika pożittiva, u l-għan aħħari tiegħu hu li jħaddan il-valuri demokratiċi u l-etika fit-teknoloġiji ġodda sabiex isir struttura istituzzjonali trasparenti u jmexxi t-trasformazzjoni diġitali globali; jilqa' f'dan ir-rigward il-fatt li l-laqgħa inawgurali saret kif ippjanat minkejja t-tensjonijiet li jeħtieġ li jiġu diskussi b'mod miftuħ u sinċier; jirrimarka li jkun possibbli li jinkisbu xi kisbiet rapidi li jsaħħu l-kummerċ bilaterali, u għalhekk iħeġġeġ liż-żewġ naħat jiffukaw fuq eżiti konkreti u tanġibbli; jilqa' f'dan ir-rigward l-eżiti tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija li saret fid-29 ta' Settembru f'Pittsburgh li adottat temi konkreti għal kull wieħed mill-10 grupp ta' ħidma; jappoġġja, fost l-impenji, l-impenn ta' kooperazzjoni fl-evitar ta' ostakli ġodda u bla bżonn għall-kummerċ tat-teknoloġiji ġodda u emerġenti, fl-iskrinjar tal-investimenti u l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, kif ukoll l-impenn biex tittejjeb l-effikaċja tal-politiki li jindirizzaw politiki u prattiki mhux tas-suq u li joħolqu distorsjoni tal-kummerċ; jilqa' l-identifikazzjoni ta' temi speċifiċi bħall-indirizzar tal-isfidi ppreżentati minn ekonomiji mhux tas-suq, u l-kooperazzjoni fid-drittijiet tal-ħaddiema u l-politiki dwar il-klima relatati mal-kummerċ fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isfidi Kummerċjali Globali; jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni fl-istabbiliment internazzjonali ta' standards tat-teknoloġija; jitlob l-istabbiliment ta' Sottokumitat għall-Kummerċ u t-Teknoloġija fi ħdan id-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi biex jikkomplementa r-rwol tal-eżekuttiv fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija u biex jeżerċita skrutinju demokratiku fuq dan il-Kunsill; jenfasizza li l-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija mhuwiex forum għan-negozjar ta' ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti, mingħajr preġudizzju għall-inizjattivi futuri biex dan isir;

38. Jissottolinja li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għandhom l-aktar relazzjoni ekonomika integrata fid-dinja, li hija wkoll l-akbar u l-aktar relazzjoni profonda ta' kummerċ u ta' investiment bilaterali, fejn il-kummerċ fi prodotti u servizzi jammonta għal aktar minn EUR 1 triljun fis-sena; ifakkar li l-ekonomiji tal-UE u tal-Istati Uniti flimkien jammontaw għal aktar minn 40 % tal-PDG globali u għal kważi terz tal-flussi kummerċjali globali;

39. Jenfasizza l-importanza li nsaħħu mill-ġdid ir-relazzjoni kummerċjali trans-Atlantika tagħna bħala alleati storiċi u sħab kummerċjali, anki fid-dawl tal-kriżi attwali tal-COVID-19, bil-għan li jiġi promoss il-multilateraliżmu, titrawwem sistema kummerċjali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli u jinstabu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi globali urġenti, inkluża s-saħħa globali;

L-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021

40. Jieħu nota tal-indikazzjonijiet diġà pprovduti mill-kontropartijiet tal-Istati Uniti u d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti Katherine Tai waqt is-seduta ta' smigħ dwar l-aġenda kummerċjali tal-2021 tal-amministrazzjoni ta' Biden;

41. Itenni, f'dan il-kuntest, l-appoġġ tiegħu għall-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-UE, li timmira, anke permezz tal-aġenda trans-Atlantika tal-Unjoni, lejn sinerġiji bejn l-objettivi tal-politika domestika u esterna f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

42. Jidentifika l-politika kummerċjali bħala għodda ġeopolitika strateġika għall-aġenda trans-Atlantika; jenfasizza li l-Istati Uniti huma sieħeb kummerċjali kruċjali u għalhekk jilqa' s-sinjali pożittivi mill-amministrazzjoni ta' Biden bil-pjanijiet tagħha li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali mal-UE, u jappella għal kooperazzjoni mġedda li għandha ġġib riżultati dejjiema u konkreti fis-snin li ġejjin, filwaqt li jitqies li r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħna huma affettwati wkoll mill-interessi tas-sigurtà fil-kuntest ta' awtonomija strateġika miftuħa;

43. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati azzjonijiet konġunti bbażati fuq interessi u valuri kondiviżi kif ukoll fuq riskji u theddidiet kondiviżi bil-għan li jingħata kontribut lill-irkupru ekonomiku globali sostenibbli u inklużiv mill-pandemija tal-COVID-19;

44. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi rriformata s-sistema kummerċjali globali, sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi globali u li naħdmu flimkien biex niżviluppaw regoli ġodda, b'mod partikolari fir-rigward ta' prattiki kummerċjali inġusti, peress li l-kompetizzjoni inġusta qed taffettwa b'mod qawwi lill-kumpaniji u lill-ħaddiema tagħna;

45. Jappoġġja l-approċċ ta' sħubija fit-tmexxija mal-Istati Uniti, inkluża pożizzjoni koordinata fil-konfront tar-Russja u ċ-Ċina, b'enfasi fuq il-ksib ta' interessi kondiviżi fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomiji tagħna, kif ukoll ta' inizjattivi komuni fir-rigward tal-provvisti ta' beni pubbliċi globali; jisħaq li "l-ħaddiema u l-pagi", kif ukoll ktajjen tal-provvista aktar reżiljenti, sostenibbli u responsabbli, huma inklużi f'din l-aġenda; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ liż-żewġ naħat jikkoordinaw l-approċċ tagħhom dwar ix-xogħol furzat u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi u jikkooperaw biex itejbu r-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema u l-istandards ambjentali fil-ftehimiet kummerċjali, kif ukoll fil-livell multilaterali, inkluż billi jibnu fuq l-esperjenza ta' xulxin ħalli jinfurzaw dawn id-dispożizzjonijiet b'mod aktar effiċjenti;

46. Jissottolinja l-ħtieġa li jintwera li relazzjonijiet kummerċjali mtejba bejn l-UE u l-Istati Uniti jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, speċjalment dawk li tħallew lura bil-globalizzazzjoni, u għan-negozji fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku; f'dak il-kuntest, jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jaħdmu flimkien u jallinjaw l-istrateġiji tagħhom biex joħolqu sinerġiji ta' investiment, b'mod partikolari biex jiksbu tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi sostenibbli u inklużivi tal-ekonomiji tagħhom;

47. Jinnota li l-isfidi komuni bejn l-UE u l-Istati Uniti huma dejjem iżjed mhux ta' natura militari u jaqgħu fi ħdan is-sħubija ekonomika tagħna; jitlob, għalhekk, li jkun hemm djalogu parlamentari trans-Atlantiku kontinwu u msaħħaħ dwar il-kummerċ bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress tal-Istati Uniti permezz ta' interazzjoni bejn il-kumitati, fi kliem ieħor bejn il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Parlament Ewropew, min-naħa tal-UE, u l-Kumitat Ways & Means, is-sottokumitat tiegħu għall-kummerċ u l-Kumitat għall-Finanzi tas-Senat, min-naħa tal-Istati Uniti, kif ukoll fil-qafas tad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi;

48. Jilqa' bil-qawwa l-appoġġ tal-Istati Uniti għad-Direttur Ġenerali l-ġdid tad-WTO, Ngozi Okonjo-Iweala, u sħubija mill-ġdid tal-Istati Uniti fil-Ftehim ta' Pariġi; jilqa' s-sospensjoni temporanja ta' erba' xhur tat-tariffi ta' Airbus u Boeing, li kellhom effett negattiv sproporzjonat fuq il-prodotti agroalimentari tal-UE, bħala pass pożittiv lejn is-sejba ta' soluzzjoni dejjiema għas-sussidji għall-inġenji tal-ajru ċivili; jinnota li s-sospensjoni ta' dawn it-tariffi se tintemm f'Lulju 2021, u jħeġġeġ li tinstab soluzzjoni li twassal għat-tneħħija permanenti ta' dawn it-tariffi;

49. Jilqa' r-rieda tal-Istati Uniti li jiftħu diskussjonijiet biex jindirizzaw il-kapaċità żejda globali tal-azzar u tal-aluminju; jinnota d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi ż-żieda fit-tariffi għall-importazzjonijiet tal-Istati Uniti li jikkontrobilanċjaw il-miżuri tal-Istati Uniti;

50. Jilqa' wkoll il-konklużjoni rapida tal-ftehim tad-WTO dwar il-kwoti tariffarji, li kien l-ewwel ftehim mal-Istati Uniti taħt l-amministrazzjoni l-ġdida ta' Biden u juri r-rieda ta' din l-amministrazzjoni l-ġdida li tfittex ftehimiet mal-UE fil-qafas tad-WTO;

51. Jirrikonoxxi fl-istess ħin li għad hemm ċerti interessi diverġenti; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, liż-żewġ naħat jirriżolvu t-tilwim bilaterali; iħeġġeġ lill-Istati Uniti jneħħu l-miżuri kummerċjali unilaterali u t-theddidiet ta' miżuri addizzjonali fir-rigward tat-taxxi fuq is-servizzi diġitali, joqogħdu lura milli jieħdu oħrajn, u pjuttost jiffokaw fuq dak li jgħaqqadna; jagħti importanza kbira lis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti f'Ġunju 2021 bħala pass 'il quddiem biex ir-relazzjoni kummerċjali tagħna tibqa' tissaħħaħ u biex jiġu diskussi oqsma mhux sfruttati għal kooperazzjoni akbar;

52. Iħeġġeġ lill-Istati Uniti biex, minkejja t-taħditiet li għaddejjin bħalissa, ineħħu minnufih it-tariffi tat-Taqsima 232 fuq l-azzar u l-aluminju peress li l-kumpaniji Ewropej ma jistgħux jitqiesu bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali mill-Istati Uniti u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat b'mod konġunt it-tħassib relatat mal-kapaċità żejda tal-azzar u tal-aluminju minn pajjiżi terzi; itenni, fost l-oħrajn, l-ambizzjoni tal-UE li telimina t-tariffi għall-prodotti industrijali bejn l-UE u l-Istati Uniti;

53. Filwaqt li jiddeplora l-konklużjoni tat-300 investigazzjoni u waħda dwar it-taxxi diġitali, jilqa' pożittivament is-sospensjoni tas-sitt xhur ta' ritaljazzjoni kummerċjali fuq setturi ekonomiċi bħal taż-żraben fl-Istati Membri li implimentaw taxxa fuq is-servizzi diġitali filwaqt li għaddejjin negozjati fil-qafas tal-OECD; jesprimi tħassib dwar il-lista preliminari ta' tariffi ta' ritaljazzjoni tar-Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti li tirriżulta mit-300 investigazzjoni u waħda dwar it-taxxi differenti tal-UE fuq is-servizzi diġitali, li tinkludi setturi tal-manifattura partikolarment sensittivi bħall-industriji taż-żraben u tal-ġlud, li potenzjalment jistgħu jispiċċaw jiġu eskluži mis-suq tal-Istati Uniti jekk jiġu adottati tariffi addizzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu u jikkonkludu malajr kemm jista' jkun in-negozjati fil-qafas tal-proposta tal-OECD dwar it-tassazzjoni diġitali u jsegwu l-modi kollha possibbli biex jevitaw aktar ħsara ekonomika lill-kumpaniji tal-UE, b'mod partikolari l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, speċjalment fil-kuntest tal-istrateġiji ta' rkupru tal-COVID-19; iqis li minħabba l-kompetenza esklużiva tal-UE fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni u t-theddidiet ta' ritaljazzjoni tal-Istati Uniti fir-rigward tal-liġijiet dwar it-tassazzjoni diġitali, approċċ komuni tal-UE huwa preferibbli minn approċċi individwali fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari sabiex tiġi evitata eskalazzjoni trans-Atlantika ulterjuri tat-tariffi;

54. Jirrikonoxxi li għad hemm opportunitajiet mhux sfruttati biex titneħħa burokrazija sinifikanti u tissaħħaħ is-sħubija ekonomika trans-Atlantika; fil-kuntest tat-tellieqa teknoloġika li għaddejja, jisħaq fuq l-importanza ta' spazju regolatorju Trans-Atlantiku ċar għan-negozji tagħna, speċjalment għat-teknoloġiji emerġenti diġitali, tal-enerġija u relatati mal-klima; jistenna li ż-żewġ naħat jindirizzaw fi djalogu t-tħassib tal-UE rigward il-Buy American Act u l-Jones Act tal-Istati Uniti, inkluži l-akkwist pubbliku u l-aċċess għas-swieq għas-servizzi;

55. Jappoġġja approċċ konġunt għall-indirizzar tal-kriżi tal-COVID-19 billi, fost miżuri oħra, jiżdiedu d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-vaċċini; jappella lill-UE u lill-Istati Uniti biex jaħdmu flimkien u jmexxu l-isforzi biex jindirizzaw il-kwistjoni tan-nuqqas ta' vaċċini u jiżguraw li l-vaċċini jitwasslu madwar id-dinja u lill-aktar nies possibbli malajr kemm jista' jkun; jilqa' t-tħabbira tas-sħubija bejn l-UE u l-Istati Uniti biex tkompli bl-isforz globali tat-tilqim kontra l-COVID-19 billi tlaqqam 70 % tad-dinja sal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-sena d-dieħla; ifakkar li d-dinja qed tiffaċċja skarsezza globali ta' vaċċini; għalhekk, sabiex tinkiseb l-ekwità tal-vaċċini, jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jaħdmu mal-manifatturi biex iżidu l-kapaċità tal-manifattura globali għall-vaċċini u l-komponenti tagħhom; jappella liż-żewġ naħat joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura ta' restrizzjoni fuq l-esportazzjoni, jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-ktajjen ta' provvista, jiżguraw it-trasferimenti tat-teknoloġija meħtieġa u jtejbu t-tħejjija għal emerġenzi tas-saħħa globali futuri; iħeġġeġ liż-żewġ naħat iżidu l-kooperazzjoni regolatorja biex jiffaċilitaw l-aċċess essenzjali għall-mediċini;

56. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-amministrazzjoni Biden jappoġġjaw b'mod attiv l-inizjattivi l-ġodda tad-Direttur Ġenerali tad-WTO li jikkonċernaw, b'mod partikolari, is-saħħa; jindika, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tal-Parlament dwar rinunzja potenzjali fir-rigward tal-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) mistqarra fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021 ([9]);

57. Iqis, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li jiġu protetti d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali Ewropej biex tinżamm il-kapaċità tan-negozji li jinnovaw, li huwa rilevanti li jiġu eżaminati l-flessibbiltajiet applikabbli kollha fi ħdan il-ftehim TRIPS bil-għan li tiżdied il-kapaċità tal-manifattura globali tal-vaċċini u tal-komponenti tagħhom; jisħaq fuq il-fatt li s-sejba ta' soluzzjonijiet dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tista' tkun biss parti waħda mir-rispons globali komuni;

58. Jissottolinja li d-WTO tibqa' l-pedament ta' sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli għall-kummerċ; jappella għal kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tar-riforma tad-WTO, inkluża r-riforma tat-tliet funzjonijiet ewlenin tagħha, li tinvolvi r-riforma u r-riintegrazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza tal-korp tal-appell u t-tisħiħ tal-funzjonijiet ta' monitoraġġ u ta' deliberazzjoni tad-WTO, billi, fost mezzi oħra, tippromwovi ftehimiet plurilaterali miftuħa;

([9]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (Test adottat, P9_TA(2021)0283).

L-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021

59. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jikkooperaw biex jirregolaw il-kummerċ fil-prodotti tas-saħħa, jiżviluppaw regoli għall-kummerċ diġitali u jistabbilixxu aġenda ambizzjuża dwar il-klima u l-ambjent, fost attivitajiet oħra, billi jvaraw mill-ġdid in-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Beni Ambjentali, u jaħdmu fuq proposti komuni, fost l-oħrajn, dixxiplini dwar is-sussidji u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili;

60. Jistenna li ż-żewġ naħat jaqblu dwar riżultati konkreti għat-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO (MC12) biex id-WTO tkun lesta għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inklużi ftehim dwar is-sajd, dikjarazzjoni dwar il-kummerċ u s-saħħa, programm ta' ħidma għar-riforma tas-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim, programm ta' ħidma dwar is-sussidji industrijali u l-intrapriżi tal-istat, u progress sostanzjali fin-negozjati tal-kummerċ elettroniku;

61. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jaħdmu b'mod konġunt biex jaġġornaw ir-regoli tad-WTO dwar l-intrapriżi tal-istat, is-sussidji industrijali, il-kapaċità żejda u t-trasferiment tat-teknoloġija sabiex b'mod effiċjenti l-organizzazzjoni tkun adattata għall-isfidi tas-seklu 21; f'dan ir-rigward jappoġġja wkoll l-espansjoni tal-inizjattiva trilaterali mal-Ġappun u jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jmexxu koalizzjoni ta' pajjiżi tal-istess fehma fid-WTO bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar regoli ġodda, filwaqt li jiġi żviluppat ukoll strument awtonomu kontra sussidji barranin inġusti; jistenna li ż-żewġ naħat jippromwovu u jistinkaw għal ftehimiet multilaterali; jistieden lill-Istati Uniti jġeddu l-impenji tagħhom favur il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO;

62. Jinnota r-riżultat tal-ewwel laqgħa ta' livell għoli tad-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċina, fejn iż-żewġ naħat tennew li r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom maċ-Ċina huma multidimensjonali u jinkludu elementi ta' kooperazzjoni, kompetizzjoni u rivalità sistemika; jappoġġja, kull fejn ikun possibbli, approċċ strateġiku konġunt fir-rigward taċ-Ċina, kif ukoll kooperazzjoni fi ħdan oqfsa multilaterali dwar sfidi komuni bħat-tibdil fil-klima, il-prattiki kummerċjali inġusti li jwasslu għal distorsjonijiet tas-suq u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi;

63. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm pożizzjoni koordinata biex jiġu indirizzati s-sussidji industrijali distorsivi – b'mod partikolari fir-rigward tal-intrapriżi tal-istat u l-kapaċità żejda f'setturi kritiċi – it-trasferimenti furzati tat-teknoloġija, is-serq tal-proprjetà intellettwali, l-impriżi konġunti obbligatorji, l-ostakli tas-suq u l-projbizzjoni tax-xogħol furzat billi tiġi inkluża diskussjoni dwar il-ftehim "Phase One" tal-Istati Uniti maċ-Ċina kif ukoll il-Ftehim Komprensiv tal-UE dwar l-Investimenti;

64. Jinnota li kwistjonijiet bħal dawn ma jistgħux jiġu solvuti unilateralment jew bilateralment u jirrikjedu koalizzjoni ta' sħab tal-istess fehma fil-livell internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-WTO;

65. Jisħaq fuq l-importanza li fl-istrateġija konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti, u fi ħdan id-WTO, jiġi inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fl-operat tan-negozji internazzjonali; jirrimarka f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni vinkolanti dwar id-diliġenza dovuta u jitlob li l-Istati Uniti jingħaqdu u jappoġġjaw dan l-approċċ tul il-katina ta' provvista;

66. Jemmen li l-UE u l-Istati Uniti għandhom isaħħu l-kooperazzjoni trans-Atlantika dwar konnettività bbażata fuq ir-regoli u sostenibbli bħala reazzjoni għall-Inizjattiva "Belt and Road" taċ-Ċina u jittama li jkun hemm kooperazzjoni futura b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett ta' standards ta' kwalità għolja;

67. Jistieden lill-Kummissjoni, filwaqt li tippromwovi d-djalogu u l-azzjoni komuni, tippromwovi b'mod assertiv l-interessi tal-UE u l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u tirreaġixxi għal dazji mhux ġustifikati tal-Istati Uniti, l-applikazzjoni ekstraterritorjali tas-sanzjonijiet, li tmur kontra d-dritt internazzjonali, u l-ostakli tas-suq; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri kummerċjali awtonomi tal-UE;

68. Jitlob, b'mod partikolari, lill-Istati Uniti biex jiżguraw li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħhom jkunu trasparenti, miftuħa u prevedibbli abbażi tal-prinċipju ta' trattament ugwali;

69. Jistieden lill-Kummissjoni tabbozza l-proposta tagħha fuq strument ta' deterrenza u ġlieda kontra azzjonijiet koerċittivi minn pajjiżi terzi u leġiżlazzjoni li tappoġġja kumpaniji Ewropej fil-mira ta' dawn is-sanzjonijiet u li qed joperaw f'konformità mad-dritt internazzjonali;

70. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jimpenjaw ruħhom fi djalogu ambizzjuż u jsibu qafas għal azzjoni konġunta u jfittxu ftehimiet kummerċjali u ta' investiment selettivi permezz tat-tnedija mill-ġdid ta' djalogu strateġiku ta' livell għoli;

71. Jappella għal sħubija regolatorja, ekoloġika, sostenibbli u diġitali aktar b'saħħitha permezz tal-Kunsill għall-Kummerċ u t-Teknoloġija; jappella għal ftehim dwar il-valutazzjoni tal-konformità, li jkun ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-SMEs, għal approċċ koordinat biex jiġu stabbiliti standards internazzjonali għat-teknoloġiji kritiċi u emerġenti, bħall-intelliġenza artifiċjali, u għal kooperazzjoni regolatorja għall-kumpaniji tat-teknoloġija kbira kif ukoll għat-taxxi diġitali u globali; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw dwar l-iskrinjar tal-investiment barrani f'setturi strateġiċi, inkluż fir-rigward ta' akkwiżizzjonijiet ostili potenzjali;

72. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat jiskambjaw l-aħjar prattiki regolatorji; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti jkomplu bin-negozjati tagħhom dwar il-valutazzjoni tal-konformità biex ineħħu l-ostakli mhux tariffarji li huma ta' piż finanzjarju; jisħaq fuq l-importanza li ż-żewġ naħat jallinjaw u jmexxu koalizzjoni ta' sħab tal-istess fehma biex itejbu l-użu tal-istandards trans-Atlantiċi minn organizzazzjonijiet ta' standards internazzjonali;

73. Jistieden liż-żewġ naħat jużaw il-kummerċ bħala mezz biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jiksbu konverġenza 'l fuq; f'dan ir-rigward iħeġġeġ liż-żewġ naħat jikkooperaw dwar l-ipprezzar tal-karbonju u b'mod partikolari jikkoordinaw l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, u dwar miżuri effettivi kontra l-kummerċ illeċitu tal-armi u t-tisħiħ tat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-kummerċ tal-armi, inklużi l-esportazzjonijiet tal-armi tal-Istati Uniti u tal-Istati Membri tal-UE;

74. Jistieden lill-Istati Uniti u lill-UE jaħdmu flimkien fuq taxxa korporattiva globali fil-qafas tal-OECD, filwaqt li jilqa' b'mod partikolari l-ftehim milħuq mill-pajjiżi tal-G7 dwar ir-riforma tat-taxxa globali u jenfasizza l-ftehim dwar rata tat-taxxa korporattiva globali minima ta' mill-inqas 15 %, u jikkooperaw fil-ġlieda kontra prattiki kummerċjali frodulenti u dannużi;

75. Jissottolinja li sħab kummerċjali u ekonomiċi aktar b'saħħithom iwasslu għal alleanzi aktar b'saħħithom; jilqa' pożittivament l-isforzi li qed isiru miż-żewġ naħat biex il-ktajjen ta' provvista tagħhom isiru aktar reżiljenti, speċjalment fir-rigward tal-materja prima kritika;

76. Jappella għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Istati Uniti fir-rigward tal-Artiku, meta jitqiesu l-ftuħ ta' rotot ġodda ta' navigazzjoni u d-disponibbiltà possibbli ta' riżorsi naturali minħabba t-tibdil fil-klima u filwaqt li jitqies l-interess ekonomiku dejjem jikber fl-Artiku minn pajjiżi oħra, bħaċ-Ċina; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza wkoll dawn il-possibbiltajiet u l-isfidi fl-Istrateġija għall-Artiku tagħha li jmiss;

77. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, bħala prattika komuni, tkun trasparenti fil-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Uniti billi, *inter alia*, tippubblika l-proposti kollha mibgħuta lill-Istati Uniti u billi tiggarantixxi l-involviment tal-Parlament u tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp ta' dawn il-proposti sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u taċ-ċittadini;

Niffaċċjaw flimkien l-isfidi tas-sigurtà u d-difiża

78. Jissottolinja li l-alleanza trans-Atlantika għadha fundamentali għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-kontinent Ewropew, billi n-NATO hija l-pedament tad-difiża kollettiva tal-Ewropa u hija pilastru ewlieni tas-sigurtà Ewropea; jirriafferma wkoll li l-alleati u s-sħab tan-NATO flimkien mal-Unjoni Ewropea kollettivament iridu jagħmlu aktar biex jissodisfaw l-aspettattivi ġusti bħala sħab trans-Atlantiċi kredibbli u ugwali li huma kapaċi u lesti jiddefendu lilhom infushom u jittrattaw kriżijiet fil-viċinati tagħhom, filwaqt li jmexxu meta jkun meħtieġ, iżda f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti; jappoġġja ribilanċjar tar-responsabbiltajiet fir-relazzjoni ta' sigurtà trans-Atlantika billi titrawwem awtodipendenza akbar għall-Istati Membri tal-UE fi kwistjonijiet ta' difiża ħalli jitnaqqas il-piż żejjed fuq l-Istati Uniti u b'mod li joħloq sinerġiji bejn is-sħubija tan-NATO u l-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE; jisħaq li l-kooperazzjoni UE-NATO hija bbażata fuq 74 azzjoni maqbula b'mod komuni f'oqsma speċifiċi; ifakkar li ż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom kompiti u prijoritajiet differenti, fejn in-NATO hija inkarigata mid-difiża territorjali kollettiva tal-membri tagħha, u l-UE taħseb għall-ġestjoni tal-kriżijiet militari esterni, b'potenzjal għal aktar djalogu u kooperazzjoni dwar l-isfidi tas-sigurtà u s-sħubija strateġika msejsa fuq appoġġ komuni għall-valuri ewlenin tad-demokrazija, il-libertà u l-promozzjoni tal-paċi; jisħaq li kooperazzjoni aktar profonda, akkomunament u kondiviżjoni u settur Ewropew tad-difiża effiċjenti u trasparenti jsaħħu wkoll il-kapaċitajiet disponibbli għan-NATO; jissottolinja li l-ħolqien ta' bażi industrijali tal-UE b'saħħitha u kapaċitajiet militari aktar b'saħħithom fil-livell tal-UE u investiment fil-mobbiltà u l-interoperabbiltà militari mhux biss isaħħu l-UE iżda fl-istess waqt isaħħu l-alleanza trans-Atlantika u jkunu f'sinerġija mar-rwol u r-rilevanza tal-UE u l-Istati Membri tagħha fin-NATO; jesprimi, għaldaqstant, l-impenn sħiħ tiegħu għall-inizjattivi Ewropej tad-difiża, b'mod partikolari l-FEŻ, il-PESCO u l-EPF, fost oħrajn; jissottolinja li s-sħubija trans-Atlantika tista' tkun biss ta' suċċess jekk l-Istati Membri kollha jissodisfaw l-impenji tagħhom, inklużi l-wegħdiet ta' investiment fil-qasam tad-difiża, u jipparteċipaw f'appoġġ reċiproku u jfittxu kondiviżjoni tal-piżijiet aktar ibbilanċjata; jissottolinja l-ħtieġa li l-alleati kollha tan-NATO jinvestu finanzjarjament fl-iżvilupp, l-akkwist u ż-żamma tal-kapaċitajiet li n-NATO teħtieġ biex tiddefendi ċ-ċittadini tagħha; jindika wkoll il-proċess ta' abbozzar li għaddej tal-Boxxla Strateġika tal-UE, li ser tkun pass importanti għal kooperazzjoni Ewropea aktar b'saħħitha fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà, u jissottolinja li l-Boxxla Strateġika għandha tkun marbuta mill-qrib mal-abbozzar tal-Kunċett Strateġiku tan-NATO, u jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li dawn il-proċessi paralleli joffru opportunità unika biex is-sħubija trans-Atlantika politika u ta' sigurtà tiġi avvanzata u aġġornata u ssir adatta biex tindirizza l-isfidi globali attwali li kemm l-UE kif ukoll l-Istati Uniti qegħdin jiffaċċjaw; jisħaq li l-ambizzjoni tal-awtonomija strateġika Ewropea bl-ebda mod ma ddgħajjef lin-NATO iżda hija komplementari għaliha; jitlob li jiġi konkluż arranġament amministrattiv bejn l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Istati Uniti u jilqa' l-impenn tal-UE u tal-Istati Uniti, kif rifless fid-dikjarazzjoni maħruġa fi tmiem is-summit UE-Stati Uniti fil-15 ta' Ġunju 2021, biex jinbdew diskussjonijiet malajr kemm jista' jkun; jippromwovi l-istabbiliment ta' politika barranija u proċessi ta' koordinazzjoni tal-politiki ta' sigurtà u difiża bejn l-Istati Uniti, l-UE u r-Renju Unit;

L-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021

79. Jilqa' d-deċiżjoni pożittiva tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2021 li tawtorizza lill-koordinatur tal-proġett tal-Mobbiltà Militari, in-Netherlands, biex jistieden lill-Istati Uniti, lill-Kanada u lin-Norveġja, b'segwitu għat-talbiet rispettivi tagħhom, biex jipparteċipaw fil-proġett PESCO dwar il-mobbiltà militari; jisħaq li din il-parteċipazzjoni ser issaħħaħ il-koerenza tal-kapaċitajiet tal-UE u tan-NATO u l-interoperabbiltà, it-tħejjija u r-reżiljenza tal-forzi trans-Atlantiċi;

80. Jappella għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE, l-Istati Uniti u n-NATO mal-viċinat tagħna tal-Lvant, b'mod partikolari, il-Georgia, l-Ukrajna u l-Moldova, fi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà u d-difiża, inkluż permezz ta' appoġġ għall-integrità territorjali ta' dawn il-pajjiżi, u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom kontra t-theddid ċibernetiku kif ukoll it-theddid relatat mal-informazzjoni, mal-ispjunaġġ u theddid ieħor dirett lejhom;

81. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Istati Uniti li jtemmu l-irtirar tal-forzi tal-Istati Uniti mill-UE u li jżidu l-preżenza militari tagħhom fl-Istati Membri tal-UE bħala sinjal ta' impenn għall-kooperazzjoni trans-Atlantika fil-qasam tas-sigurtà; jesprimi l-gratitudni tiegħu lejn id-diversi membri tal-persunal tas-servizzi tal-Istati Uniti li għenu fil-protezzjoni tas-sigurtà u s-sikurezza tal-Ewropa u taċ-ċittadini tagħha f'dawn l-aħħar deċennji;

82. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti jrawmu kooperazzjoni mill-qrib mhux biss dwar it-theddid tradizzjonali għas-sigurtà, iżda wkoll dwar dawk emerġenti bħad-dominanza teknoloġika barranija ostili, it-theddid ibridu, il-kampanji ta' diżinformazzjoni u l-indħil malizzjuż fil-proċessi elettorali; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti jiżviluppaw kooperazzjoni mill-qrib fil-qasam taċ-ċibersigurtà; iħeġġeġ lill-UE tiżviluppa kapaċitajiet ċibernetiċi aktar effiċjenti biex issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra t-theddid ċibernetiku; jilqa' l-Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċibersigurtà bħala bażi għall-istabbiliment ta' normi u standards internazzjonali fiċ-ċiberspazju; jitlob li l-kapaċitajiet meħtieġa jiġu żviluppati, miksuba u miżmuma, anke fi ħdan in-NATO, inkluż f'termini ta' kondiviżjoni ta' intelligence u għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji tal-UE, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), u l-kontropartijiet Amerikani tagħhom; jirrikonoxxi li, sa ċertu punt, iċ-ċiberdifiża tkun aktar effettiva jekk tinkludi xi mezzi u miżuri offensivi wkoll, dejjem jekk l-użu tagħhom ikun konformi mad-dritt internazzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ komuni fir-rigward tal-projbizzjoni ta' armi awtonomi letali mingħajr kontroll uman sinifikanti, regolamentazzjoni tal-awtonomija tas-sistemi tal-armi fil-livell globali u restrizzjoni tal-esportazzjoni u l-proliferazzjoni ta' għodod ċibernetiċi u teknoloġija ta' sorveljanza tal-massa; jissottolinja li l-kontroll globali tal-armi jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun jista' jiffaċċja l-isfidi ċibernetiċi u tal-IA; jistieden lis-sħab trans-Atlantiċi jappoġġjaw u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal waqfien mill-ġlied globali;

83. Huwa tal-fehma li l-protezzjoni tal-proċessi demokratiċi u elettorali hija kwistjoni ta' sigurtà globali; jissuġġerixxi f'dan ir-rigward l-iżvilupp konġunt ta' qafas strutturat għal rispons għal indħil fil-proċessi elettorali li jkun ibbażat fuq Kodiċi ta' Prattiki trans-Atlantiku għal Proċessi Demokratiċi Ħielsa u Reżiljenti u li jfittex li jkun hemm miżuri strutturali u komprensivi bħala rispons għan-natura ibrida tal-indħil, filwaqt li jikkollabora mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OSKE; jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jippromwovu kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib u aktar ambizzjuża dwar l-osservazzjoni elettorali, flimkien mas-sħab rilevanti kollha, speċjalment mal-organizzazzjonijiet li japprovaw id-"Dikjarazzjoni ta' Prinċipji għall-Osservazzjoni Internazzjonali tal-Elezzjonijiet", biex jiġi missielet it-theddid dejjem akbar ta' sigurtà pubblika għall-proċessi elettorali; jisħaq il-ħtieġa li jiġi missielet b'mod konġunt il-fenomenu li qiegħed jikber ta' osservazzjoni elettorali domestika falza, li jdgħajjef il-fiduċja tal-pubbliku fl-osservazzjoni elettorali b'mod ġenerali, u li jiġu vvalutati fid-dettall l-opportunitajiet, l-isfidi u r-riskji involuti fl-użu dejjem akbar ta' informazzjoni elettorali ġdida u teknoloġiji ta' komunikazzjoni; jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni meħtieġa mal-organizzazzjonijiet nazzjonali rilevanti ta' osservazzjoni elettorali fil-livelli kollha, kif ukoll il-protezzjoni tagħhom fi ħdan il-qafas tal-attivitajiet tagħhom;

84. Jissottolinja l-importanza li jinkisbu l-kapaċitajiet tal-computing kwantistiku, u jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti f'dan il-qasam biex jiġi żgurat li l-computing kwantistiku jiġi realizzat l-ewwel fost sħab b'relazzjonijiet mill-qrib u li jikkondividu l-istess objettivi;

85. Jisħaq fuq l-importanza strateġika ta' kejbils sottomarini tat-telekomunikazzjoni fl-Atlantiku tat-Tramuntana li jipprovdu aktar minn 95 % tat-telekomunikazzjonijiet internazzjonali; itenni l-importanza ta' kooperazzjoni trans-Atlantika msaħħa għall-protezzjoni u l-iżgurar tar-rispett għall-istrumenti internazzjonali li jirregolaw il-kejbils sottomarini, inkluż l-UNCLOS;

86. Jappoġġja l-ħolqien tad-Djalogu dwar is-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Istati Uniti u jistieden lill-VP/RGħ jibdih mill-aktar fis possibbli; jindika l-importanza li jiġu inklużi wkoll ir-rappreżentanti tan-NATO f'dan id-djalogu biex jiġu promossi sinerġiji mal-kooperazzjoni kontinwa fil-qafas UE-NATO u tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' reazzjonijiet tal-politiki; jissottolinja li d-Djalogu dwar is-Sigurtà u d-Difiża UE-Stati Uniti għandu jinkludi kooperazzjoni dwar inizjattivi ta' sigurtà u difiża, ġestjoni ta' kriżijiet, operazzjonijiet militari u kwistjonijiet bilaterali ta' sigurtà, kif innotat fl-aġenda UE-Stati Uniti għal bidla globali; jenfasizza li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha tkun tagħmel parti importanti minn dan id-djalogu;

87. Jisħaq fuq il-ħtieġa komuni li s-soċjetajiet tagħna jinvolvu ruħhom fi proċess introspettiv dwar il-valuri demokratiċi komuni tagħna u dwar ir-rispett reċiproku, u għad-diversità tal-opinjonijiet biex insaħħu u niddefendu d-demokrazija globali kontra l-awtoritarjaniżmu li qiegħed jiżdied, kif promoss kemm mir-Russja kif ukoll miċ-Ċina, iżda wkoll fi ħdan il-komunità trans-Atlantika, *inter alia* billi jissaħħu l-obbligu ta' rendikont u r-reżiljenza tas-sistemi demokratiċi tagħna permezz ta' reżistenza għall-fehmiet estremisti u r-razziżmu li jipprovdu bażi fertili fejn il-movimenti antidemokratiċi jiffjorixxu, permezz ta' reżistenza b'vuċi waħda kontra l-influwenza malizzjuża ta' atturi awtoritarji fuq livell ġeopolitiku u b'parteċipazzjoni fi djalogu trans-Atlantiku, u billi jitrawmu politiki soċjali u ekonomiċi inklużivi li jindirizzaw l-għeruq tal-inugwaljanzi; jissottolinja l-valur tad-djalogu u l-kooperazzjoni trans-Atlantiċi dwar politiki li jappoġġjaw id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani; jissottolinja l-ħtieġa fuq iż-żewġ naħat li jiġu indirizzati l-ixprunaturi tat-tnaqqis fil-fiduċja pubblika fil-politika u fl-istituzzjonijiet; jisħaq li l-isforzi f'din id-direzzjoni għandhom jinkludu l-bini tal-fiduċja fix-xjenza u l-fatti, l-espansjoni ta' xibka ta' sikurezza tal-politiki ta' nondiskriminazzjoni, u r-rifjut u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni razzjali u reliġjuża;

88. Jappella wkoll lill-UE u lill-Istati Uniti biex flimkien jipprovdu appoġġ ekonomiku, politiku u operattiv lill-organizzazzjonijiet reġjonali eżistenti bbażati fl-Afrika, bħall-Unjoni Afrikana, il-Forza G5 tas-Saħel u l-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS);

89. Jissottolinja li l-UE u l-Istati Uniti għandu jkollhom sinerġiji bejn l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni u jiżguraw li l-isforzi li jsiru jkunu appoġġjati mir-riżorsi meħtieġa u li dawn ikunu proporzjonati għal-livell tat-theddid; huwa tal-fehma li ż-żewġ sħab għandhom jagħmlu ħilithom biex itejbu l-prattiki attwali ta' kondiviżjoni tal-intelligence fost l-Istati Membri, b'enfasi partikolari fuq li jinkiseb għarfien aħjar u komuni tas-sitwazzjoni f'oqsma ewlenin, inkluż ir-refuġji sikuri emerġenti u l-użu ta' EDTs mit-terroristi, kif ukoll tattiki ibridi;

90. Jinkoraġġixxi kollaborazzjoni b'saħħitha UE-Stati Uniti fl-isforzi tad-deradikalizzazzjoni u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż l-istabbiliment ta' attivitajiet konġunti ta' taħriġ, korsijiet komuni kontra t-terroriżmu, programmi ta' skambju għall-uffiċjali, eżerċizzji tattiċi u inizjattivi edukattivi;

91. Jissottolinja l-importanza fundamentali tal-prinċipji demokratiċi, li huma l-bażi tal-progress soċjali u ekonomiku tagħna u s-soċjetajiet ħielsa tagħna; jappoġġja l-proposta tal-President Biden li jsir Summit għad-Demokrazija biex jiġu promossi l-valuri universali; jistieden lill-Istati Uniti jisiltu mill-esperjenzi tal-Konferenza tal-UE dwar il-Futur tal-Ewropa u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jappoġġjaw l-inizjattiva tas-Summit, kemm politikament kif ukoll fil-prattika; huwa tal-fehma li s-Summit għad-Demokrazija propost għandu jkollu l-għan li jippromwovi multilateraliżmu bbażat fuq il-valuri u solidarjetà bejn id-demokraziji meta jkunu taħt pressjoni, isaħħaħ id-demokrazija internament u globalment, b'mod partikolari jżid il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-governanza demokratika, jesprimi t-tħassib u jfittex soluzzjonijiet paċifiċi għal repressjonijiet kontinwi fuq movimenti demokratiċi u jipproteġi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-difensuri ambjentali, madwar id-dinja, minbarra li jindirizza l-influwenza dejjem akbar ta' reġimi awtoritarji; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li tali sforz jista' jgħin fit-tfassil ta' triq ċara 'l quddiem fil-ġlieda kontra l-populiżmu u l-awtoritarjaniżmu u biex jiġu protetti l-valuri fundamentali demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem; jipproponi li l-UE għandha tistabbilixxi, flimkien mal-Istati Uniti, alleanza trans-Atlantika biex tiddefendi d-demokrazija fuq livell globali u tfassal ġabra ta' strumenti għad-difiża tad-demokrazija, li għandha tinkludi azzjonijiet konġunti rigward is-sanzjonijiet, politiki dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, regoli marbuta mal-kundizzjonalità tal-assistenza ekonomika u finanzjarja u sostenn favur l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u d-difensuri tad-demokrazija; jitlob komunikazzjoni aħjar maċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat u bejniethom dwar l-importanza dejjiema tar-rabta trans-Atlantika u r-rilevanza tagħha llum il-ġurnata; jirriafferma f'dan ir-rigward il-valur tal-iskambji bejn il-leġiżlaturi, in-negozji u s-soċjetà ċivili;

Koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika barranija

92. Jemmen li l-UE għandha timpenja ruħha aktar mal-Istati Uniti u ġġedded is-sħubija strateġika fir-rigward tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Balkani tal-Punent biex jinbnew soċjetajiet multietniċi reżiljenti, prosperi u demokratiċi hemmhekk, li jkunu kapaċi jirreżistu l-influwenza ta' tfixkil kemm tal-forzi awtoritarji lokali kif ukoll dawk esterni; ifakkar li l-istabbiltà tal-Balkani tal-Punent u tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant hija kwistjoni ta' paċi u sigurtà għar-reġjun, kif ukoll għall-UE; jilqa' ż-żieda akbar fil-koordinazzjoni tal-Istati Uniti mal-UE fl-appoġġ tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fi triqthom lejn l-integrazzjoni Ewropea u s-sħubija fl-UE; huwa tal-fehma li koordinazzjoni regolari u istituzzjonalizzata dwar dan bejn il-Kunsill Affarijiet Barranin u s-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti u dwar kwistjonijiet oħra ta' politika barranija jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni trans-Atlantiċi dwar kwistjonijiet ta' politika barranija ta' interess komuni u jrawmu konverġenza ulterjuri tal-pożizzjonijiet politiċi fil-livell trans-Atlantiku; ifakkar fis-suġġeriment tiegħu li jinħoloq Kunsill Politiku Trans-Atlantiku (TPC) għal konsultazzjoni u koordinament sistematiċi dwar il-politika estera u tas-sigurtà, li jkun

immexxi mill-VP/RGħ u mis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti u li jkun sostnut b'kuntatt regolari mad-diretturi politiċi; jappella għal tmexxija b'saħħitha tal-UE u koordinazzjoni effettiva mal-Istati Uniti għal reazzjoni kontra inizjattivi maħsuba għat-tfassil mill-ġdid tal-fruntieri u inizjattivi subnazzjonali simili li japprofondixxu d-diviżjoni etnika u s-segregazzjoni, kif ukoll il-kwistjoni tal-investiment u l-finanzjament Ċiniżi fir-reġjun kollu u l-impatt tagħhom fuq il-governanza demokratika u l-ambjent; jisħaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-istat, il-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata, l-indħil barrani flimkien ma' attakki fuq il-libertà tal-midja u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt, ir-riformi profondi, ir-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u r-rikonċiljazzjoni, u l-objettiv ta' integrazzjoni Ewro-Atlantika; jissottolinja r-rwol mexxej tal-UE fil-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo;

93. Jisħaq fuq l-interess komuni fl-appoġġ għall-paċi sostenibbli fit-tul, l-istabbiltà, is-sigurtà, ir-reżiljenza, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fin-Nofsinhar tal-Kawkasu; jilqa' l-impenn tal-Istati Uniti fir-reġjun, f'kooperazzjoni mal-UE, inkluż permezz ta' mekkaniżmi bħall-Grupp ta' Minsk tal-OSKE;

94. Jistieden lill-UE u l-Istati Uniti jindirizzaw b'mod kollaborattiv it-theddid konsistenti u li qiegħed jikber għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali, inkluż il-kuntrabandu ta' oġġetti kulturali, speċjalment f'żoni ta' kunflitt; iħeġġeġ it-tħaddin ta' strateġija li tinkludi kampanji robusti ta' sensibilizzazzjoni pubblika, kundanna universali tat-traffikar f'antikitajiet li l-provenjenza tagħhom mhijiex magħrufa, l-istabbiliment ta' kodiċi uniku ta' kondotta dwar il-protezzjoni ta' siti kulturali, it-trawwim ta' kooperazzjoni akbar fost aġenziji differenti tal-infurzar tal-liġi li tinkludi l-kondiviżjoni immedjata tal-informazzjoni fost l-aġenziji tal-intelligence nazzjonali, u aktar kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi u l-komunitajiet tal-arti u tal-arkeoloġija;

95. Jinnota li l-influwenza ekonomika taċ-Ċina, il-poter ġeopolitiku u d-diversi forom ta' projezzjoni tal-poter Ċiniż, kif ukoll is-saħħa militari, wasslu għal kunflitt bejn is-sistema tagħha ta' governanza awtoritarja mas-sistemi ta' governanza tal-Punent li huma bbażati fuq valuri demokratiċi liberali; ifakkar fil-preżenza akbar taċ-Ċina fix-xena internazzjonali u fl-Ewropa permezz tal-Inizjattiva "Belt and Road" tagħha, u l-attivitajiet tagħha fiċ-ċiberspazju, fir-reġjuni tal-Artiku u fl-Afrika; jisħaq f'dan ir-rigward li ċ-Ċina saret rivali u kompetitriċi sistemika, iżda li għandha tkun ukoll sieħeb importanti fl-indirizzar ta' bosta problemi globali; jinsab konvint li approċċ trans-Atlantiku konġunt ta' involviment maċ-Ċina huwa l-aħjar mod biex tiġi żgurata relazzjoni paċifika, sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku fit-tul maċ-Ċina; jilqa', f'dan il-kuntest, it-tnedija mill-ġdid reċenti ta' djalogu strateġiku komprensiv ta' livell għoli bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċina u huwa tal-fehma li dan għandu jipprovdi mekkaniżmu ewlieni għall-avvanz tal-interessi tagħna u għall-ġestjoni tad-differenzi tagħna u jesplora l-possibbiltajiet ta' involviment bejn l-UE u l-Istati Uniti mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'oqfsa multilaterali dwar sfidi komuni u globali, bħat-tibdil fil-klima, ir-riskji relatati mas-saħħa, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, iċ-ċiberspazju, il-kontroll tal-armi, in-nonproliferazzjoni u t-teknoloġiji rivoluzzjonarji emerġenti; jenfasizza l-ħtieġa ta' dimensjoni parlamentari b'saħħitha għal dan id-djalogu; jitlob l-iżvilupp ta' firxa kbira ta' strumenti ta' politika u, fejn possibbli, tfittxija għal sinerġiji trans-Atlantiċi fir-rigward tar-relazzjonijiet maċ-Ċina; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-UE u l-Istati Uniti jikkondividu tħassib serju ħafna dwar il-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari fir-rigward tal-komunità tal-Ujguri; jemmen bis-sħiħ li r-relazzjonijiet mar-RPĊ, kemm dawk bilaterali kif ukoll oħrajn, għandhom dejjem jinkludu s-salvagwardja u l-promozzjoni ta' valuri demokratiċi kondiviżi u li kwalunkwe aġenda multilaterali jrid ikollha fil-qalba tagħha l-kunċett ta' konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

96. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu esplorati oqsma ta' konverġenza u kooperazzjoni possibbli u koordinazzjoni u konsultazzjoni aħjar bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar iċ-Ċina, sabiex jiġu evitati t-tensjonijiet trans-Atlantiċi, bħal dawk li seħħew wara l-adozzjoni tal-ftehim trilaterali dwar is-sigurtà bejn l-Istati Uniti, ir-Renju Unit u l-Awstralja, magħruf bħala AUKUS, mingħajr konsultazzjoni mal-alleati tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-minoranzi u t-tnaqqis tat-tensjonijiet fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina, f'Hong Kong u fl-Istrett ta' Tajwan; jenfasizza r-rilevanza tal-UNCLOS bħala bażi ġuridika għas-soluzzjoni tal-kunflitti; itenni l-appoġġ tiegħu għal inizjattivi kondiviżi ta' konnettività, anke fi ħdan il-qafas tal-istrateġija tal-UE "Global Gateway" li għadha kif tħabbret;

97. Jilqa' l-progress li sar dan l-aħħar fl-istrateġija Indo-Paċifika tal-UE; jitlob li tiġi implimentata malajr u b'mod komprensiv peress li hija fl-interess tal-UE u tkun qed tippromwovi l-valuri tagħha, u jenfasizza r-rilevanza ta' dan ir-reġjun ġeostrateġiku, li fih jinsabu ħbieb u sħab demokratiċi trans-Atlantiċi komuni bħall-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-Awstralja u New Zealand, kif ukoll it-Tajwan, u jappella għal sħubija u koordinazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ir-reġjun Indo-Paċifiku; ifakkar fl-importanza li jitrawmu rabtiet strateġiċi mal-membri tal-ASEAN u mal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku (PIF);

98. Jenfasizza li reġimi mhux demokratiċi bħaċ-Ċina qegħdin jużaw dejjem aktar it-teknoloġija biex jikkontrollaw u jrażżnu liċ-ċittadini tagħhom, filwaqt li jirrestringu l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, soċjali u politiċi; jappella għal aktar kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-iżvilupp ta' teknoloġija ċċentrata fuq il-bniedem li tirrispetta l-privatezza u tnaqqas il-preġudizzji u d-diskriminazzjoni;

99. Jirrikonoxxi li l-akkwisti miċ-Ċina ta' proprjetà intellettwali u ta' avvanzi teknoloġiċi minn ċentri ewlenin ta' riċerka spiss jintużaw biex imexxu l-għanijiet militari tagħha, u jenfasizza, għaldaqstant, li l-UE għandha taħdem biex tiżviluppa strateġija fit-tul biex tirreaġixxi għall-istrateġija taċ-Ċina dwar il-fużjoni militari-ċivili (MCF) fl-Ewropa;

100. Jirrikonoxxi li l-UE u l-Istati Uniti għandhom jikkoordinaw fuq kwistjonijiet fejn l-azzjonijiet taċ-Ċina jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà Ewro-Atlantika; jisħaq li għandha tingħata prijorità lill-isfidi fl-oqsma ċibernetiċi, ibridi, EDT, spazjali, tal-kontroll tal-armi u tan-nonproliferazzjoni;

101. Jinsab imħasseb dwar il-koerċizzjoni ekonomika taċ-Ċina kontra l-Istati Membri u pajjiżi terzi; jappoġġja l-idea ta' difiża ekonomika kollettiva permezz ta' kollaborazzjoni ma' demokraziji tal-istess fehma kontra l-koerċizzjoni ekonomika taċ-Ċina;

102. Jinsab imħasseb dwar ir-rabtiet mill-qrib bejn il-Partit Komunista Ċiniż u l-industrija fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-kumpaniji tas-sigurtà; jirrakkomanda li l-Istati Membri jwettqu awditu intern tal-prattiki tal-akkwist biex jiżguraw li l-prodotti integrati fin-networks nazzjonali u fl-istituzzjonijiet tad-difiża tagħhom ma jkollhomx teknoloġiji li ġejjin minn kumpaniji fiċ-Ċina;

103. Jappella għal kooperazzjoni mill-qrib biex issir ħidma dwar pjan komuni ta' involviment mal-Federazzjoni Russa u, b'mod parallel, biex tiġi indirizzata b'mod konġunt il-firxa ta' theddid li ġej mill-Federazzjoni Russa, bħad-destabbilizzazzjoni kontinwa tal-Ukrajna, il-Georgia u r-Repubblika tal-Moldova, l-appoġġ għat-tmexxija illeġittima ta' Lukashenka fil-Belarussja, ir-rwol u l-influwenza tar-Russja fil-Balkani tal-Punent u fil-Baħar l-Iswed, l-l-indħil kundannabbli fil-proċessi demokratiċi fl-UE u fl-Istati Uniti, inkluż l-elezzjonijiet, il-finanzjament ta' partiti politiċi estremisti u politiki reviżjonisti, it-theddid ibridu u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, filwaqt li fl-istess waqt jitfittex li jkun hemm kooperazzjoni selettiva fl-oqsma ta' interess konġunt trans-Atlantiku, b'mod partikolari fil-qasam ta' arkitettura ta' kontroll tal-armi, inkluż it-Trattat dwar il-Forzi Nukleari ta' Medda Intermedja, kif ukoll li tinħoloq diplomazija, l-użu mill-ġdid tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) u l-istabbilizzazzjoni tal-Afganistan; jilqa' d-deċiżjoni meħuda mill-amministrazzjoni attwali tal-Istati Uniti li testendi t-trattat il-ġdid dwar il-kontroll tal-armi START; jenfasizza l-ħtieġa li jerġgħu jibdew it-taħditiet dwar il-kontroll tal-armi bejn l-atturi globali ewlenin, bħall-Istati Uniti u r-Russja, billi dawn għandhom impatt dirett fuq is-sigurtà Ewropea, kif ukoll li ċ-Ċina tiġi inkluża f'negozjati futuri dwar il-kontroll tal-armi; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinbena mill-ġdid b'urġenza l-arkitettura konvenzjonali ta' kontroll tal-armi biex jiġi limitat l-bżonn ta' tlielaq tal-armi u inċidenti mhux previsti; jilqa' r-rieda tal-amministrazzjoni Biden li terġa' tistabbilixxi djalogu u negozjati mar-Russja u jappoġġja l-pjan tal-UE u tal-Istati Uniti li jistabbilixxu djalogu ta' livell għoli bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ir-Russja; huwa tal-fehma li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jappoġġjaw b'mod attiv it-tiftix ta' modi għal aktar djalogu u għandhom jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid ta' fiduċja reċiproka; jenfasizza l-importanza, b'mod parallel, tad-djalogu mas-soċjetà ċivili u l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-Russja li jfittxu li jmexxu 'l quddiem id-djalogu dwar il-pluraliżmu politiku, ir-rappreżentazzjoni u l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi tal-poplu Russu;

104. Iqis li l-UE u l-Istati Uniti għandhom jikkoordinaw l-approċċ doppju tagħhom ta' deterrenza u djalogu mar-Russja fi ħdan il-parametri maqbula fis-Summits ta' Wales u Varsavja;

105. Jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jaġixxu fil-ħin u b'determinazzjoni kontra azzjonijiet ta' tfixkil tas-servizzi tal-intelligence Russi fit-territorju tal-UE; jirrakkomanda li l-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni tas-servizzi ta' counter-intelligence;

106. Jistieden lill-VP/HR u lill-Kunsill ifasslu approċċ strateġiku ġdid għar-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja, li jrid jappoġġja aħjar lis-soċjetà ċivili, isaħħaħ il-kuntatti bejn in-nies maċ-ċittadini tar-Russja, ifassal linji ħomor ċari għall-kooperazzjoni mal-atturi tal-Istat Russu, juża standards teknoloġiċi u l-internet miftuħ biex jappoġġja spazji ħielsa u jirrestringi t-teknoloġiji oppressivi, u juri solidarjetà mas-Sħab tal-Lvant tal-UE, inkluż dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti; jissottolinja li kwalunkwe djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti mar-Russja għandu jkun ibbażat fuq ir-rispett għad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem;

107. Jissottolinja l-importanza u jappella għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-UE fir-rigward tal-kontinent Afrikan u r-reġjuni u l-pajjiżi differenti tiegħu bil-għan li jiġi żgurat żvilupp sostenibbli u jiġu promossi s-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti ta' sħubija b'saħħitha u ġusta bejn l-Istati Uniti, l-UE u l-Afrika, filwaqt li jitqiesu l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-implikazzjonijiet demografiċi tiegħu, il-kollass tal-bijodiversità, l-isfruttament miċ-Ċina tar-riżorsi naturali tal-Afrika, l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli,

id-diġitalizzazzjoni, l-istat tad-dritt, il-promozzjoni tad-demokrazija u t-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jemmen li kwalunkwe assistenza ta' sigurtà għandha tkun ibbażata fuq l-approċċ tas-sigurtà tal-bniedem u l-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali, tikkonforma bis-sħiħ mad-dritt internazzjonali u tinkludi responsabbiltà b'saħħitha u mekkaniżmi ta' sorveljanza demokratiċi u parlamentari; jilqa' l-impenn tal-amministrazzjoni Biden li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Koalizzjoni Internazzjonali għas-Saħel; iħeġġeġ lill-Istati Uniti u lill-UE jaħdmu flimkien biex jindirizzaw iż-żieda fl-estremiżmu vjolenti, it-terroriżmu mill-ISIS u l-fergħat ta' al-Qaeda, u l-isfidi umanitarji, ekonomiċi u ta' governanza fis-Saħel u fir-reġjun MENA (il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq) b'mod ġenerali; jappella għal djalogu u koordinazzjoni msaħħa fir-rigward tal-pożizzjoni tas-sħab trans-Atlantiċi rigward l-isfidi li jiffaċċjaw pajjiżi bħall-Iraq, il-Libanu, is-Sirja, l-Iran u l-Libja;

108. Jappella għal kooperazzjoni aħjar fl-Artiku, filwaqt li jitqies l-interess dejjem akbar fl-Artiku minn pajjiżi oħra bħaċ-Ċina u l-attivitajiet u t-tisħiħ militari mir-Russja fl-Artiku; jilqa' d-deċiżjoni tal-UE u tal-Istati Uniti, kif attestata mid-dikjarazzjoni maħruġa wara s-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-15 ta' Ġunju 2021, li jaħdmu flimkien biex l-Artiku jinżamm bħala reġjun ta' paċi u stabbiltà u jikkollaboraw permezz tal-Kunsill tal-Artiku;

109. Jenfasizza l-ħtieġa li jinżammu u, fejn applikabbli, jiġu approfonditi r-relazzjonijiet strateġiċi strutturali bejn l-UE, l-Istati Uniti u r-Renju Unit, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-valuri, l-interessi u l-isfidi kondiviżi tagħna, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, filwaqt li tiġi żgurata l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;

110. Jiddeplora l-akkwiżizzjoni vjolenti tal-Afganistan mit-Taliban wara l-irtirar tal-forzi tal-Istati Uniti u Ewropej, u l-ksur mifrux sussegwenti tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari tal-bniet, in-nisa u l-minoranzi etniċi u reliġjuži, kif ukoll il-kriżi umanitarja li qed tiżvolġi fil-pajjiż; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-komunità trans-Atlantika għandha tirdoppja l-isforzi tagħha biex taħdem għall-paċi, l-istabbiltà u l-progress fit-tul fl-Afganistan billi tappoġġja lis-soċjetà ċivili Afgana, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, lill-attivisti politiċi, lill-ġurnalisti, lill-akkademiċi, lill-artisti u lil gruppi u persuni oħra li jinsabu f'riskju; jappella għal koordinazzjoni u konsultazzjoni trans-Atlantiċi robusti sabiex tinkiseb, tiġi ppreservata u kondiviża l-intelligence dwar it-theddida terroristika li ġejja mill-Afganistan, b'mod partikolari mill-ISIS, l-Al-Qaeda u l-affiljati tagħhom; jitlob li jittieħed approċċ trans-Atlantiku miftiehem li jgħaqqad il-ħtieġa ta' impenn operattiv mat-Taliban għal skopijiet umanitarji u ta' kontra t-terroriżmu b'kundizzjonijiet ċari għall-involviment mal-gvern immexxi mit-Taliban fil-futur, liema kundizzjonijiet għandhom jinkludi impenn għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu; jitlob li ssir riflessjoni trans-Atlantika profonda dwar il-lezzjonijiet li ħarġu mill-missjoni fl-Afganistan, bil-għan li jinsiltu l-konklużjonijiet meħtieġa għall- isforzi futuri biex jiġu promossi l-istabbiltà, is-sigurtà u l-governanza tajba fid-dinja; jistieden lis-sħab trans-Atlantiċi, barra minn hekk, jimpenjaw ruħhom mal-pajjiżi kollha ġirien tal-Afganistan, filwaqt li jżommu f'moħħhom is-sitwazzjoni mwiegħra tal-poplu Afgan li fittex rifuġju fihom u l-ħtieġa li jiġu megħjuna;

111. Jilqa' l-impenn imġedded tal-Istati Uniti fil-Lvant tal-Mediterran, b'mod partikolari rigward l-Att tal-Lvant tal-Mediterran tal-2019, li jawtorizza assistenza ta' sigurtà ġdida għal Ċipru u l-Greċja, u jsaħħaħ il-kooperazzjoni fl-enerġija fost l-atturi reġjonali; jilqa' d-deċiżjoni tal-UE u tal-Istati Uniti, kif attestata mid-dikjarazzjoni maħruġa wara s-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-15 ta' Ġunju 2021, li jaħdmu id f'id biex inaqqsu t-tensjoni b'mod sostenibbli fil-Lvant tal-Mediterran, fejn id-differenzi għandhom jissolvew permezz ta' djalogu b'rieda tajba u f'konformità mad-dritt internazzjonali; jappoġġja d-dikjarazzjoni tal-UE u tal-Istati Uniti li għandhom l-intenzjoni jfittxu relazzjoni kooperattiva u ta' benefiċċju reċiproku ma' Turkija demokratika;

112. Jappoġġja kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Uniti u l-pajjiżi tal-Amerka Latina fil-promozzjoni tal-multilateraliżmu, il-valuri demokratiċi, l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tad-dritt internazzjonali, it-tkabbir ekonomiku, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Uniti jipparteċipaw b'mod aktar attiv mal-Amerka Latina u r-reġjun tal-Karibew bħala alleati kruċjali fil-fora internazzjonali u bħala sħab strateġiċi fid-difiża tal-multilateraliżmu; jappella għal "Alleanza tat-Triangolu tal-Atlantiku" bejn l-UE, l-Istati Uniti u l-Amerka Latina li tippermetti liż-żewġ reġjuni jagħmlu progress konġunt f'oqsma bħad-demokrazija, is-sigurtà u t-traffikar tad-drogi, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġi żgurat li din il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti u l-pajjiżi tal-Amerka Latina tiġi riflessa fi sforzi konġunti biex jiġu appoġġjati l-avversarji u d-dissidenti li qegħdin jiffaċċjaw riperkussjonijiet f'diversi pajjiżi minħabba li jiddefendu l-valuri tad-demokrazija u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Uniti u lill-UE jikkooperaw flimkien u ma' pajjiżi oħra biex jerġgħu jistabbilixxu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Venezwela permezz ta' elezzjonijiet li jkunu verament ħielsa, kredibbli, inklużivi, trasparenti u kompletament demokratiċi, u permezz ta' appoġġ għall-forzi politiċi leġittimi rikonoxxuti mill-Parlament Ewropew; itenni wkoll l-impenn tiegħu li jippromwovi d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi kollha tal-Amerka Latina; jappella għal koordinazzjoni akbar bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar

is-sanzjonijiet; itenni s-suġġeriment tiegħu li l-Istati Uniti u l-UE għandu jkollhom skambji ta' fehmiet regolari fir-rigward tas-Summits rispettivi tagħhom mal-pajjiżi tal-Amerka Latina, jiġifieri, is-summits bejn l-UE u s-CELAC u s-Summit tal-Amerki, organizzat mill-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani;

113. Jindika l-importanza tar-reġjun MENA għas-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea, u b'hekk anke dik trans-Atlantika; jappella, għaldaqstant, għal djalogu u koordinazzjoni msaħħa fir-rigward tal-pożizzjoni tas-sħab trans-Atlantiċi fir-rigward tar-reġjun MENA, inkluż billi tittieħed azzjoni kontra ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali li qegħdin iseħħu fir-reġjun; iħeġġeġ lill-Istati Uniti terġa' tingħaqad fil-PAKK bħala pedament ta' reġim globali ta' nonproliferazzjoni u pedament għat-tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Golf Persjan; jappoġġja t-talba tal-Istati Uniti għal ftehim nukleari "itwal u aktar b'saħħtu" mal-Iran u jħeġġeġ il-kollaborazzjoni trans-Atlantika f'din il-kwistjoni bħala l-pass li jmiss; jilqa' d-deċiżjoni tal-Istati Uniti li ġġedded il-finanzjament tagħha għall-UNRWA; jappella għal sforzi trans-Atlantiċi ġodda biex il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani jerġa' jitqajjem b'mod sinifikanti u jwassal għal konklużjoni b'suċċess il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, li jwassal għal soluzzjoni vijabbli ta' żewġ stati; jilqa' l-iffirmar u l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Abraham u jħeġġeġ kooperazzjoni trans-Atlantika dwar l-approfondiment ta' dawn ir-rabtiet;

o

o o

114. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll, għal skopijiet ta' informazzjoni, lid-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti u lill-Kungress tal-Istati Uniti.